# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Lulju 2016**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 954/12 JZM**

**L & L Europe Limited (C-53706)**

***kontra***

**Rajiv Giri**
**[German Passport Number C1TCRK6C]**

**Julie Calve**
**[French Passport Number 05HK08049]**

**Essor Systems Limited (C-49604)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Settembru 2012 li jaqra hekk :–

*Illi kontestwalment ma` dina l-kawza l-esponenti pprezentaw mandat ta` inibizzjoni sabiex jinibixxu lill-intimati li jittrasferixxu l-assi taghhom u tal-kumpannija a detriment tal-esponenti ;*

*Illi d-diretturi tas-socjeta` attrici kienu ltaqghu ma` Rajiv Giri li qal li kien kapaci jaghmel sistema ta` "Remote Gaming Platform Software" u software relattiv ghall-casinos online ;*

*Illi l-istess Rajiv Giri kien qal li ma sab l-ebda problema ghal kull domanda jew ordni li kienu ghamlu l-atturi ;*

*Illi l-istess Rajiv Giri b`qerq kien qal li kien ser jaghmel sistema hekk kif jidher mill-provi meta fil-verita` kull parti li nbniet mis-sistema kien meritu tal-atturi ghaliex aktar ma beda jghaddi z-zmien l-atturi bdew jindunaw li l-imsemmi Rajiv Giri ma kellux idea dwar x`kellu jsir sabiex dina s-sistema tahdem b`mod baziku u efficjenti ;*

*Illi l-imsemmi Rajiv Giri kien deher ghall-kumpannija konvenuta Essor Systems Limited flimkien ma` direttur tal-kumpannija L & L Europe Limited fil-hamsa (5) ta` Settembru elfejn u hdax (2011) [**Dok A**] ;*

*Illi maz-zmien l-atturi ndunaw li fil-gurnata tal-kuntratt il-kumpannija konvenuta Essor Systems Limited (C-49604) ma kinitx tezisti u l-imsemmi Rajiv Giri ma kellu l-ebda awtorita` li jirrapprezenta din il-kumpannija ;*

*Illi nfatti l-imsemmija Essor Systems Limited (C-49604) kienet giet irregistrata bhala bidla ta` isem tal-kumpannija Essor Trading Limited (C-49604) b`resolution backdated fil-hmistax (15) ta` Settembru elfejn u hdax (2011) iffirmata minn Julie Calve ghal Essor Holdings Limited (C-49595) [**Dok B**] ;*

*Illi barra minn hekk l-imsemmi Rajiv Giri f'isem il-kumpannija kien ukoll talab is-somma ta` tmintax-il elf Ewro (€18,000) bhala self u maz-zmien kienu anke bdew jiftehmu li dawna l-flus jistghu jitqiesu bhala advance payment ghall-xoghlijiet li kellu jaghmel Rajiv Giri pero` l-istess Giri naqas li jaghmel/jipproduci xoghol hekk kif miftiehem ;*

*Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas dana l-ammont dovut ta` tmintax-il elf Ewro (€18,000) huwa baqa` inadempjenti ;*

*Illi b`kollox l-atturi b`kollox hallsu lill-konvenuti s-somma ta` mija tmenja u hamsin elf sitt mija sitta u ghoxrin Ewro u hamsin Ewro cent (€158,626.50) ;*

*Illi l-konvenuta Julie Calve kienet taf u kienet affaccata li x-xoghlijiet ma kinux qeghdin isiru mill-kumpannija specjalment meta jsir kuntratt qabel ma jigi rregistrat bdil ta` isem ta` kumpannija u minn persuna li ma kellha l-ebda kariga li tidher bhala direttur ;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti a tenur ta` Artikolu 79 u 80, tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap- 386 tal-Ligijiet ta` Malta] u Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap- 386 tal-Ligijiet ta` Malta], Sub titolu VI Titolu II fuq il-Personalita` Guridika [Kap-16 tal-Ligijiet ta` Malta], Artikolu 974, Artikolu 981 tal-Kodici Civili [Kap-16 tal-Ligijiet ta` Malta],*

*Jghid, ghalhekk, il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti :*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt maghmul bejn il-kumpannija attrici u l-kumpannija konvenuta huwa null u bla effett.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kienu jafu li ma kinux kapaci jaghtu s-servizz hekk kif pattwit u l-kuntratt sar b`mala fede u frodi da parti tal-konvenuti.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi li jigu rifuzi l-ammonti kollha moghtija mill-kumpannija attrici lill-konvenuti flimkien mad-danni sofferti mill-kumpannija attrici konsegwenza tal-agir tal-konvenuti.*

*Bl-ispejjez u eventwali danni sofferti a kawza ta` tali agir kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve. li kienet prezentata fit-<u>22 ta` Ottubru 2012 </u>li taqra hekk :–

*1.1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti ;*

*1.2 Illi fl-ewwel lok l-intimati Rajiv Giri u Julie Calve personalment ma dahlu f`ebda ftehim mas-socjeta` rikorrenti u ma nghataw ebda nkarigu mill-istess socjeta`;*

*1.3 Illi ghalhekk l-intimati Rajiv Giri u Julie Calve bl-ebda mod m`ghandhom xi relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti in kwantu l-azzjonijiet taghhom kienu dejjem f`isem jew ghan-nom tas-socjeta` intimata Essor Systems Limited liema socjeta` kienet il-parti li dahlet fi ftehim mas-socjeta` rikorrenti ghall-installazzjoni ta` software ;*

*1.4 Illi ghalhekk l-intimati Rajiv Giri u Julie Calve personalment ma jistghux jigu dikjarati responsabbli ghar-rifuzjoni ta` flus moghtija lis-socjeta` intimata Essor Systems Limited jew ghad-danni in kwantu huma ma rcevew ebda flus u lanqas ikkagunaw ebda danni lis-socjeta` rikorrenti ;*

*1.5 Illi fit-tieni lok l-intimat Rajiv Giri kien deher f`isem is-socjeta` intimata Essor Systems Limited fuq l-iffirmar tal-iskrittura datata 5 ta` Settembru 2011 wara li kien debitament awtorizzat sabiex jidher in virtu` ta` rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi fit-termini tal-istess Memorandum and Articles tas-socjeta` intimata Essor Systems Limited (Dok `A`) ;*

*1.6 Illi in oltre l-bidla fl-isem tas-socjeta` intimata ghal Essor Systems Limited minn Essor Trading Limited ma jwassalx ghal nuqqas ta` ezistenza tas-socjeta` intimata li minkejja dan it-tibdil fl-isem is-socjeta` baqghet l-istess wahda, identika anke fin-numru ta` registrazzjoni taghha mal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ;*

*1.7 Illi fit-tielet lok, ma jirrizultawx l-estremi tal-ligi mehtiega biex il-kuntratt datat 5 ta` Settembru 2011 jigi dikjarat null ;*

*1.8 Illi fir-raba` lok, ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni mressaq mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-esponenti diga` gie michud permezz ta` digriet moghti kameralment fil-5 ta` Ottubru 2012 (Dok `B`) ;*

*1.9 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Giri u Calve u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata taghhom.

Rat ir-risposta guramentata ta` Essor Systems Limited (C-49604) li kienet prezentata fit-<u>22 ta` Ottubru 2012</u> li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu illi s-socjeta` esponenti naqset milli tadempixxi l-obbligi minnha assunti jew milli tezegwixxi l-ftehim milhuq mas-socjeta` rikorrenti datat 5 ta` Settembru 2011 ;*

*2. Illi fil-fatt is-sistema li kellha ssir mis-socjeta` esponenti giet licenzjata b`success wara li sar audit mil-Lotteries and Gaming Authority fl-14 ta` April 2012 u nharget gaming licence lis-socjeta` rikorrenti ;*

*3. Illi fil-fatt sussegwentement is-socjeta` rikorrenti bdiet tuza s-sistema li giet installata mis-socjeta` esponenti f`Mejju 2012 fuq liem sistema s-socjeta` rikorrenti kellha diga` klijenti registrati ;*

*4. Illi kwindi mhuwiex minnu li l-esponenti ma kinitx kapaci taghti s-servizz pattwit u lanqas hija hatja ta` frodi jew mala fede fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ;*

*5. Illi hija l-istess socjeta` rikorrenti responsabbli ghall-azzjoni unilaterali taghha stess li twaqqaf is-servizzi li bdiet toffri minn din is-sistema ;*

*6. Illi fit-tieni lok ma jirrizultawx l-estremi tal-ligi sabiex jigi dikjarat null il-ftehim tal-5 ta` Settembru 2011 ;*

*7. Illi fit-tielet lok, mhuwiex minnu li s-socjeta` esponenti ma kinitx tezisti fid-data ta` meta giet iffirmata l-iskrittura datata 5 ta` Settembru 2011 in kwantu meta kien hemm tibdil fl-isem ta` socjeta` li minn Essor Trading Limited bdiet tkun maghrufa bhala Essor Systems Limited, tibdil li gie regolarment registrat mal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta, dan ma jfisser ebda tibdil fl-identita` tal-korp guridiku li hija s-socjeta` u lanqas fir-relazzjonijiet taghha ma` terzi;*

*8. Illi kwindi l-esponenti mhijiex responsabbli ghar-rifuzjoni ta` ammonti mhallsa lilha mis-socjeta` rikorrenti u lanqas ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` rikorrenti, li ghandhom f`kull kaz ikunu pruvati ;*

*9. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta guramentata tal-konvenuta Essor.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012 fejn innominat lill-Av. Dr. John Gauci bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta` l-eccezzjonijiet u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda li sema` l-perit legali u l-provi l-ohra li kienu prezentati, flimkien mal-verbali tas-seduti li mexxa.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali li kienet ikkonfermata bil-gurament tieghu fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2016.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-8 ta` Marzu 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. Xhieda

**Anthony F. Farrugia** direttur tas-socjeta` attrici xehed illi huwa kien appuntat bhala l-kuntatt principali u ufficjali ghal-Lotteries and Gaming Authority. Saru jafu bil-konvenut Rajiv Giri ("**Giri**") tramite l-*accountant* Keith Massa. Spjega li wara xi laqghat ma` Giri, id-diretturi tas-socjeta` attrici qablu li jinkarikawh sabiex jibni s-sistema ghall-operat tas-socjeta` attrici. Spjega li Giri kien wieghed efficenzja u li kien kapaci jipprepara dak kollu li xtaqu. Ghal habta ta` Awissu 2011, Giri nfurmahom illi huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta` Essor Systems Limited ("**Essor**") li taghha kien direttur. Wara li kien iffirmat il-kuntratt, bdew id-diskussjonijiet biex jinbena dak intenzjonat, izda bdew isibu problema ghax Giri qalilhom li seta` jinstalla l-*initial setup* u li kellu ir-rizorsi ghal tali installazzjoni. Madanakollu, irrizulta li huwa kien jiddependi mill-assistenza ta` diversi persuni ohra. Spjega li Europe ghalhekk iddecidiet li tqabbad lil ICT Solutions biex tassisti lil Essor ghall-*initial setup* tal-*hardware.*

Kompla jixhed illi wara li ICT Solutions lestew ix-xogholijiet rikjesti minnhom, Giri ffirma li kollox kien sar hekk kif rikjest minnu. Li kien imiss kien li Giri kellu jibda jinstalla is-sistema fuq *server* lokat f` BMIT Limited. F`dak il-punt, Giri infurmahom li s-sistema provduta minn ICT Solutions, u li huwa stess kien approva, ma kienx *up to standard.* Minn verifiki li ghamel, irrizulta li Giri kien ta certu struzzjonijiet lil ICT Solutions u sussegwentement kien biddel kif ried is-sistema. In vista ta` dan, ICT Solutions rega` kienet ingaggata u ittiehdet decizjoni li jzommu lill-istess kumpannija fil-progett, ghal spiza addizzjonali li ma kinitx ippjanata fil-bidu

tal-progett. Giri kien dejjem jilmenta dwar problemi fil-*hardwork* u *network* meta wara intervent ta` ICT Solutions, kien qed jirrizulta li l-problema ma kinitx hekk kif ravvizata minnu izda kienet kkagunata mill-fatt illi Giri ma kellux il-kapabilita` li jikkonkludi b` success dak li gie nkarigat jaghmel.

Fisser illi intant ICT Solutions kienu intervjenew billi studjaw il-problema ezistenti u ssuggerew varji suggerimenti. Dan ma kienx parti mir-responsabbilita` ta` ICT Solitions izda huma talbu din l-ghajnuna sabiex b` hekk Essor tkun tista` tirnexxi fl-izvilupp tal-progett. Wara l-proposti ta` ICT Solutions, is-socjeta` attrici setghet tibda tipprova s-*software* li sar mis-socjeta` konvenuta. Fil-kors ta` dan, irrizulta illi kien hemm varji punti li ma kinux in linea mar-*Remote Gaming Regulations.* Ghamel kuntatt ma` Giri sabiex jispjegalu l-punti li kellhom jigu rettifikati sabiex is-sistema tkun tista` tghaddi b`success mill-*audit* tal-*Lotteries and Gaming Authority.* Spjega li hemm lista ta` hwejjeg li sistema jrid ikollha sabiex tkun *compliant* u l-fatt li din il-lista tigi sodisfatta ma jfissirx li jkun hemm sistema li hija *fully functional* u ta` *high standard.*

Qal illi kien hemm ukoll varji funzjonijiet fil-*backend* li ma kinux qed jikkorrispondu ma` *reports* ohra. Ghalhekk Europe kellha terga` taghmel numru ta` rapporti godda biex ikun jaqblu, haga li Essord kienet qalet li ma kinitx necessarja peress li s-sistema kellha tkun tiffunzjona mar-rapport precedenti u gia` ezistenti. F`Marzu 2011, is-socjeta` attrici ghaddiet mis-*systems audit* u nghatat *gaming licence* bin-numru LGA/CL1/787/2011.

Stqarr illi wara xahrejn topera, huwa beda jiskopri li kien hemm certu irregolaritajiet fir-*reconciliations*, fosthom informazzjoni dwar *players* ma baqghetx tinstab fid-*database* amministrata minn Essor. Bis-sistema kif kienet, Essor setghet tnehhi l-ismjiet tal-*players* li kien ikun ifisser li r-rebbieha ma kinux jithallsu. Qal illi din kienet sitwazzjoni inkwetanti peress li fid-*database* kien hemm l-informazzjoni kollha relatata ma` *financial and player transactions.* Sar kuntatt mad-diretturi u l-*ultimate beneficial owners* tas-socjeta` attrici u kien hemm qbil li Giri ma kellux esperjenza kif izomm is-sistema u li bl-atteggjament tieghu, is-socjeta` attrici kienet tirriskja li titlef il-licenzja. Ghalhekk Giri kien mitlub jirretifika s-sitwazzjoni izda dan baqa` inadempjenti u beda jwahhal f`haddiehor. In segwitu, wara li nghata diversi opportunitajiet, is-socjeta` attrici ma baqghetx topera b` din is-sistema.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi s-socjeta` attrici saret fl-2011 biex isir il-progett mertu ta` din il-kawza. Din ma kinitx l-ewwel okkazjoni tieghu bhala direttur f`dan is-settur. Kien diga` nvolut ma` kumpanniji ohra u ottjena 3 *LGA licenses.* Hadem bhala *IT manager* ma` l-Awtorita`. Huwa kien hadem ma` persuni ohra fi progetti ohra izda din id-darba kienu hadu decizjoni li jahtru lil Giri billi persuni li kien hadem maghhom qabel ma setghux jahdmu maghhom fuq il-progett dak iz-zmien.

Qal illi ma ghamel l-ebda verifiki dwar Giri izda d-decizjoni dwaru ttiehdet mid-diretturi tas-socjeta` attrici ghalkemm qal li ma jafx x`verifiki ghamlu d-diretturi l-ohra dwar Giri. Minkejja r-rakkomandazzjoni ta` Massa, tkellmu direttament ma` Giri. Spjega li Giri ltaqa` maghhom u ghamel prezentazzjoni. Din tal-ahhar saret dwar *staging server* u saret fuq *standard software.* Kienu nfurmawh li riedu *customization* u qalulu dwar il-kontenut ta` l-istess wara li gie installat *test server* fis-sistema taghhom, peress li qabel ma setax isir tali individwazzjoni ta` dak li kien jinhtieg bhala *customization.* Ghaddew numru ta` gimghat bejn il-prezentazzjoni u l-installazzjoni ta` *test server* peress li kellhom jigu identifikati l-*hardware* li kellhom jinxtraw. Kien hemm problemi fl-installazzjoni nkluzi problemi ma` l-*operating system.*

Ikkonferma li fi progetti precedenti kien diga` hadem ma` ICT Solutions u rrakkomanda lil din il-kumpannija in vista tal-problemi riskontrati fl-*initial set up.* Il-*hardware* gie importat mill-Olanda wara li nghatat konferma ta` l-ispecifikazzjonijiet rikjesti minn Giri. Spjega li l-*hardware* kien akkwistat fl-istess zmien ta` l-iffirmar tal-kuntratt izda ma jafx jekk kienx ordnat qabel jew wara l-iffirmar. Huwa sostna li ma kienx involut fin-negozjati sabiex jigi ffirmat il-kuntratt. Spjega li *statement of work* kien gie konkluz bejn ICT Solutions u Essor, u kien biss wara li gie diskuss u konkluz li ICT Solutions bdiet bix-xogholijiet. Spjega li *statement of work* kien jikkonsisti f`*write-up* maghmula mis-socjeta` konvenuta fejn din kellha tindika kif kellha tkun l-*initial system.* ICT kellha tiehu hsieb l-installazzjoni tal-*hardware* inkluzi l-*wiring, cabling, deployment* u *installation of operating system for all servers to be able to communicate with each other.* Kien diga` ffirmat ftehim ma` ICT.

Stqarr illi l-*initial installation* tal-*hardware* kien qed jiehu hsiebu Giri sakemm kienet ingaggata ICT. Din kellha l-inkariku li tiffacilita u thaffef l-installazzjoni. Huwa spjega li Essor kellha tikkonferma li kollox kien sar skont l-*istatement of works.* ICT irrapportat li kien hemm xi *minor issues* li gew riskontrati waqt l-installazzjoni izda dawn kienu gew risolti minn ICT

wara li saret komunikazzjoni ma` Essor. Huwa spjega li l-problemi nqalghu wara li Giri kien diga` kkonferma li s-sistema li saret minn ICT kienet saret skont l-*istatement of works.* Minhabba dan kellha terga` tigi inkarigata ICT. Il-problemi riskontrati minn Giri kienu ta` *configuration type* fis-sens li kien hemm xi haga li ma kinitx qed tikkomunika kif xtaqu. Huwa spjega li s-sistema kienet qed tikkomunika izda kienet qed tirriskontra *errors* u anke *slowness.* Huma qatt ma stennew li jkollhom konferma li s-sistema kienet tahdem minn ICT izda minn Essor. Il-maggor parti tas-*software* ma kienx jahdem fuq is-*server.* Huwa kkonferma li kien ra s-*servers* jikkomunikaw izda l-problemi bdew meta gie nstallat is-*software.* Huwa nsista li f`dan is-settur, hija haga komuni li s-*software* jkun *custom made.*

Kompla jixhed li wara li gew solvuti dawn il-problemi, seta` jinbeda l-*fine tuning* ta` l-pakkett. Qal li kien hemm certi *issues* li ma kinux in linea ma` *Remote Gaming Regulations.* Spjega li wara li gew risolti dawn, l-*LGA audit* kien success. It-*test data* jigi utilizzat fl-*audit.* Spjega li kienu gew utilizzati *fictitious test players.* Kien hemm problema peress li Giri hassar id-*data* kollha inkluza ir-*real data* taghhom u li kienet necessarja sabiex is-sistema tiffunzjona u li huma kienu nfurmawh biex ma titnehhiex.

Stqarr illi l-ewwel laqgha ma` Giri saret f`Awissu 2011 u l-kuntratt kien iffirmat fil-5 ta` Settembru 2011. Huwa kien involut fl-arrangamenti teknici. Huwa accetta li l-kuntratt kien jirrelata ma` *software* iktar milli ma` *hardware.* Ikkonferma li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex tipprovdi *hardware* izda hija kellha tindika t-tip ta` *hardware* mehtieg. Qal illi l-*plotting* jiehu numru ta` gimghat. Il-*hardware* kien ta` HP u gie nstallat minnu stess u minn BMIT Ltd li hija l-*colocation service* tas-socjeta attrici. Minkejja li fit-22 ta` Settembru 2011, Giri kien spjega f` email li kien ser jiccekkja s-sistema, fit-23 ta` Settemrbu 2011, Giri kien ikkonferma li s-sistema kienet tajba u talab xi *small amendments/tweaking.* Huwa sostna li s-sistema qatt ma giet ikkonfermata kollha. ICT kienet iggarantiet li l-problema kienet ta` konfigurazzjoni filwaqt li n-*network* u s-sistema kienu qed jikkomunikaw. Huwa sostna li kien hemm *ticketing system* bejnu u bejn ICT, u Giri kellu wkoll acess ghal din is-sistema ; ghalhekk, seta` jsir access tas-sistema ghal komunikazzjoni.

Fisser illi dak rikjest gie kkomunikat minn Giri lil ICT kif ukoll kien hemm *email* minn Giri dwar x`*hardware* kien rikjest. Huwa spjega li l-konfigurazzjoni kienet differenti mill-*original setup* u ghalhekk kellu jkun hemm installazzjoni ta` *servers.* Huwa insista li Giri kellu l-obbligu li jiehu hsieb in-*network* u l-*hardware systems.* Huwa spjega li dan kien parti mill-

inkariku ta` Giri minkejja li dan jista` ma jirrizultax mill-ftehim li ffirma. Huwa spjega li ICT kellha tinzamm biex tiehu hsieb in-*network* u *hardware system* kif ukoll biex jiehdu hsieb is-*software* peress li Giri ma kellux il-*capability* li jiehu hsieb is-*software* fuq *servers* tas-socjeta` attrici. Huwa spjega li ghadhom jutilizzaw is-servizzi ta` ICT, izda ma ghadhomx jutilizzaw is-*software* ta` Giri. Illum il-gurnata jutilizzaw *software* provduta minn Alteatech Limited.

Stqarr illi meta kien jistaqsi dwar *report from the back office*, huwa kien jircievi *error message*. Dan sehh qabel ma kienu marru *live*. Hija haga normali li jkun hemm problemi ta` konfigurazzjoni meta tkun qed tigi installata sistema gdida izda Essor kienet dejjem twahhal fil-*hardware*. Huwa spjega li *server* kien qed jopera ghax kien qed jirrispondi ghal certu partijiet tas-*software*. Is-*system testing* kien beda fil-bidu ta` l-2011. Leon kien baghat lista ta` dawk l-*issues* li ma kinux *compliant*. L-*audit* ta` Marzu 2012 kien *systems audit* mentri l-LGA *audit* sar wara. Insista li fil-website ta` LGA hemm lista li telenka n-numru ta` *functionalities* li huma rikjesti. La LGA u lanqas l-awditur ma kienu talbu li ssir xi rettifika ta` xi aspetti, peress li huma kienu hadu hsieb li jkun kollox *compliant*.

Ippreciza li jezistu zewg stadji ta` *testing* : wahda fil-*production environment* u ohra fl-*staging environment*. Fil-*production environment,* ma tistax titnehha *data*. F` dan in-negozju, il-bejjiegh tas-*software* ssoltu jkollu *full access rights* ghas-*software*. Id-decizjoni li ttiehdet li r-riskju kien wisq kbir biex ikomplu n-negozju ma` Giri u Lessor sehhet Lulju jew Awissu 2012. Qabel ittiehdet din id-decizjoni, huma kienu ddiskutew ma` Giri dwar il-problemi ezistenti. Huwa spjega li *personal financial data* tinzamm mill-*financial service provider* izda l-*customer balance* tinzamm fid-*database* taghhom. Huwa spjega li iridu jiddikjara tali bilanc lil-LGA kull xahar. Kien hemm kazi fejn raw li l-bilanc ta` *player* partikolari li kien jisparixxi. Ma setax ighid jekk dan sehhx minhabba zball fis-sistema jew minhabba *foul play*. Lanqas ma seta` jghid jekk is-socjeta attrici kellhiex tirrifondi *players*, izda certament li dan kollu kellu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni taghhom.

**Simon Vella** xehed bil-procedura tal-affidavit.

Stqarr illi li huwa jahdem ma` ICT Solutions. Huwa kien iltaqa` b` mod informali ma` Giri fil-bidu tal-2011 izda kien biss Awissu 2011 li kien infurmat b`Essor Systems Limited. Spjega li lil ICT Solutions kienet affidata l-istallazzjoni ta` l-infrastruttura tal-progett fil-5 ta` Settembru 2011. ICT

Solutions baghtet *statement of works* izda fit-12 ta` Settembru 2011 Essor talbet *design* differenti, minkejja li ICT Solutions kienu tal-fehma li dak propost ma kienx bbazat fuq *Best Practice Design* mill-aspett ta` sigurta`. Kompla jghid li sal-ahhar ta` Settembru 2011, ICT Solutions kienet kkonfigurat l-infrastruttura u kollox kien lest biex Essor tibda l-inkariku taghha. Spjega li ICT Solutions kienet talbet lil Essor ghall-konferma li x-xoghol installat kien ghas-sodisfazzjon taghhom, izda baqghu bla risposta.

Qal illi kienu nqalghu diversi *technical issues* fosthom li l-*operating system platform* maghzula minn Essor (maghruf bhala Debian Linux) ma kienx normalment jintuza ghal dan it-tip ta` *applications* minhabba li ma kienx *supported* minn *third party vendors*. Kien hemm problema ohra relatata mad-*design* u installazzjoni ta` *Load Balancers*. Dawn kienu s-sors tal-problemi ta` *slow performance*. Din il-problema baqghet tippersisti sa Marzu 2012 ossija sakemm ICT Solutions hadet f`idejha din il-parti ta` l-infrastruttura. Essor kienet qed issostni li din il-problema kienet gejja minn xi infrastruttura ohra fornita minn ICT Solutions izda kienu provduti varji rizultati u rapporti li kkonfermaw li dak sostnut minn Essor ma kienx korrett. Hafna mir-risposti ta` Essor kienu jindikaw illi ma kelliex *technical competence* sabiex issolvi l-problemi ezistenti. Essor kienet iddum hafna ma tirrispondi t-*technical questions* li jsirulha u gieli lanqas wiegbet. Semma incidenti li sehhew fit-8 ta` Marzu 2012 u fil-31 ta` Mejju 2012.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li huwa kien involut sat-terminazzjoni ta` l-progett. Din kienet l-ewwel okkazzjoni fejn ikkollabora mas-socjeta` attrici. Huwa spjega li qabel dan il-progett, ICT Solutions ma kellhiex esperjenza ma` *gaming companies* internazzjonali izda kellha esperjenza ta` *locally based gaming companies*. Meta saret il-*conference call* fil-5 ta` Settembru 2011, huma kien diga` nkarikati u kienu pprovdew stima. Fis-7 ta` Settembru 2011, ICT Solutions bdiet tipprepara *complete statement of works*. Huwa spjega li jahdem b`diversi *web applications services* fosthom Linux, Apache, MySQL, u PHP. Ghandu esperjenza ta` varji sistemi ta` Linux izda qatt ma rriskontra Linux Essor.

Qal illi baghat ghal konferma tal-*completion* ta` *statement of works* fl-20 ta` Settembru 2011 izda Soor Systems qatt ma baghtet konferma, ghalkemm talbet xi tibdil li kien biss *minor configuration changes* kif ukoll *major design change* liema bidla sehhet peress li huma kienu mxew ma` dak li talab Giri minkejja d-dissens taghhom. Essor ma kinitx tikkommunika ma` ICT Solutions u ghalhekk l-affarijiet ma kinux mexjin. Huwa eskluda li kien hemm telefonati bejn ICT Solutions u Essor bejn Jannar u Marzu 2011.

Spjega li Giri kien insista li jintuza Linux Debian u ICT Solutions kienet komda tahdem b` din is-sistema. Huwa spjega li din is-sistema mhjiex *a mainstream system.* ICT Solutions ghandha *personnel* b`esperjenza aa` din is-sistema minn impjiegi precedenti.

Qal illi rnexxielu jsib *email* datat 31 ta` Awissu 2011 fejn huwa gie introdott ghal dan il-progett. Spjega li ma kienx hemm kuntratt ta` ingagg bejn ICT Solutions u s-socjeta` attrici, izda kien hemm *confirmation email* tas-7 ta` Settembru 2011 mibghut minn Anthony Farrugia. Ipprezenta sett ta` *emails* ohra dwar *quote* moghtija kif ukoll dwar id-domandi li kienu mibghuta lil Giri u Farrugia sabiex issir l-*statement of works.*

Stqarr li Giri kien ha f`idejh illi jaghmel il-figurazzjoni tas-*servers.* Id-dokumentazzjoni pprovduta minn Essor kienet skarsa hafna u mhux dettaljata. Kellhom jintuzaw *super user passwords* sabiex jassiguraw illi hadd mit-tim ta` Giri ma kien qed jaghmel modifikazzjonijiet fl-infrastruttura minghajr ma jinfurmahom. Spjega li kellhom indikazzjoni x` setghet bidlet is-socjeta` konvenuta. Huwa nsista li s-sistema baqghet ma toperax. Giri ma kellux esperjenza ta` kif issir is-sistema. Qal ukoll li huwa ma kien qatt involut f` LGA *audit* tal-*gaming industry.* Kienet ir-responsabbilita` tat-tim ta` Giri illi jigbru dokumentazzjoni li kienet mehtiega sabiex ICT Solutions jkunu jistghu jezegwu x-xoghol. Il-*hardware* kienet responsabbilita` ta` ohrajn mentri huma kienu gew ikkontrattati ghal *professional services.* L-istruzzjonijiet moghtija minn Giri kienu dwar *design* u *set up* filwaqt li kien ghamilha cara li kien ser jiehu hsieb is-*servers* u li ried li dawn jigu nstallati b`*minimal configuration.*

Fisser illi Essor ghamlet bdil fl-*uploading* ta` *image file* fis-sistema meta is-sistema ta` Essor kienet dependenti fuq *server* wiehed u ghalhekk, jekk ma jkunx jahdem is-*serve* , is-*server* l-iehor ma kienx ser ikollu l-*image.* Huma kienu pproponew kif titnehha *single point of failure,* izda Essor ma accettatx is-suggeriment minghajr raguni. Wara rrizulta li kien hemm *security flaw* fis-software li kien qed jopera fuq Debian Linux. Spjega li ICT Solutions kienu solvew problemi li nqalghu. Huwa cahad li *slowness* ghandu jigi attribwit lil xi nuqqas taghha fl-*updated infrastructure.*

**<u>Keith Fearne</u>** ikkonferma l-kontenut ta` l-affidavit ta` Simon Vella.

**Keith Massa** xehed li huwa kien jaf lil Giri tramite klijent iehor tieghu. Anthony Farrugia kien infurmah li kien qed ifittex lil xi hadd biex jiehu hsieb jipprepara *online casino* u kien huwa li ndika lil Giri. Dak iz-zmien huwa kien inkarikat biex jottejni l-*gaming licence*. Spjega li in vista ta` dan l-inkariku huwa kellu bzonn varja informazzjoni mis-socjeta` attrici u minn Giri. Minn din l-informazzjoni, huwa ma setax jivverifika jekk is-sistema kinitx tajba jew le. Fil-bidu ma kienx jaf li Giri kien jirrapprezenta lil Essor. Sar jaf b`dan wara li nghata *draft software agreement* li kellu jigi anness ma` l-applikazzjoni ghal-licenzja. Spjega li huwa tilef kull kuntatt ma` Giri izda sar jaf illi s-socjeta` attrici kellha problemi dwar il-funzjonament tas-sistema. Illum iddispjacieh li kien irrakkomanda lil Giri. Dak il-klijent li kien introducieh ma` Giri llum m`ghadx ghandu relazzjoni ta` xoghol ma` Giri.

Fil-**kontroezami**, spjega li huwa sar lil Giri tramite LB Group Limited. Huwa kien jaf lil Anthony Farrugia u meta dan qallu li kellu bzonn lil xi hadd dwar is-*software*, huwa kien ippropona lil Giri. L-applikazzjoni dahlet l-LGA flimkien mad-dokumenti. Ladarba tohrog il-licenzja, ifisser li s-sistema tkun konformi mar-rekwiziti ta` LGA audit.

**Jessica Dounis** xehdet illi bdiet tahdem mas-socjeta` attrici minn Ottubru 2010. Ix-xoghol taghha kien primarjament jikkonsisti f` *customer support service* ghal *igaming portals*. Iltaqghet ma` Giri fis-sajf tal-2011 fejn dan ghamel prezentazzjoni tas-servizzi li joffri hu u l-kumpannija tieghu. Mill-impressjoni li hadet, irrizulta li dan ma kienx jaf hafna dettall dwar is-sistema peress li meta beda jigi mistoqsi domandi, Giri kien jipprova jahrab milli jirrispondi. Sar diskors dwar tibdil li kellu jsir fis-sistema, u Giri kien ikkonferma li dan kien possibbli. Spjegat li meta kienu ddiskutew is-sistema bejniethom, hija ghamlitha cara li s-sistema ma tantx kienet tidher *user friendly*. Kien hemm certi dubbji dwar Giri izda dan kien ikkonvinca lil Leon Van Engelen u lil Leslie Reece Tipping li kien lest jaghti servizz kif rikjest fi qasir zmien u ghal prezz tajjeb. Fi Frar 2012 bdiet tikkomunika ma` Giri u ma` l-konvenuta Julie Calve ("**Calve**") peress li kienu qed jahdmu fuq *preview* ta` kif ser tidher il-*website*.

Qal li peress li kien hemm affarijiet x` kellhom jinbidlu, kienet bdiet tikkomunika hi stess direttament ma` Giri u Calve u mhux tramite Leon Van Engelen. Spjegat li hija kienet inkarigata li tikteb it-*text* kollu tal-*website* izda ma setghetx taghmel l-*upload* hi stess peress li dak kien fil-kontroll ta` Giri u Calve biss. Dwar l-*upload* tat-*text* kienet tikkomunika ma` Calve izda minkejja li dan kien jinnecessita ftit minuti biss ghall-*upload*, din kienet

iddum granet qabel ma` dan isir. Kienet tqatta` hafna hin tikteb spjegazzjoni ta` kif ghandu jkun *uploaded* it *text* u anke tindika l-*ispaces* bejn paragrafu u iehor u li t-*titles* jridu jkunu *bold.* Spjegat li kien ikollha toqghod tispjega lil Calve tramite Skype u minkejja dan, kien isir *uploading* hazin. Hija kienet dejjem tikkopja lil Leon Van Engelen b`kull email li kienet tibghat lil Calve u Giri, u gieli kien jkun hemm prezenti waqt l-Skype. Van Engelen kien jirrabja hafna ghaliex is-sistema kienet tidher li mhux ser tahdem. Kienu wkoll ikkonfermaw li Giri u Calve ma kinux teknici u ma kinux jafu x` inhuma jaghmlu. Kien hemm problema ta` funzjonalita` tas-sistema peress li kull darba li jipprovaw xi haga, kien johrog *error.*

Kompliet tghid illi kienu jibghatu *email* b` lista` tal- *errors* u tal-affarijiet li ghandhom jitrangaw fis-sistema kull gimgha lil Giri u Calve. Wara ftit granet, kienu jircievu minghand Giri li l-problemi kienu risolti, izda dan ma kienx minnu. Meta kien imbaghad jigi rinfaccat b`dan, Giri kien isostni li ma kienx ikun fehem il-problema x` kienet. Van Engelen huwa persuna li jinkoraggixxi lill-haddiema sabiex jahdmu u dejjem ipprova jsib it-tajjeb anke f`din is-sitwazzjoni. Huwa kien jinkoraggixxi wkoll meta kienet issir xi haga pozittiva. Meta Giri gie Malta, deher li kien qed jifhem il-problemi riskontrati. Wara kien infurmahom li solva l-problemi, izda dan ma kienx minnu. Van Engelen u Anthony Farrugia kienu jkunu l-hin kollu f`kuntatt ma` Giri biex jinfurmawh x`hemm bzonn isir minhabba l-*audit.* Jekk is-sistema ghaddiet mill-*audit* ta` l-LGA, kien kollu mertu ta` Van Engelen u Farrugia. Meta nghatat il-licenzja, infurmaw lil Giri u lil Calve li ser jibdew it-*testing* tas-sistema, sabiex titqieghed *online* u tibda tahdem.

Kompliet tghid illi r-rizultati ta` dan it-*testing* kienu urew li l-*players* kien irnexxielhom jifthu kont, jiddepozitaw flus u jilghabu izda kien hemm problema meta wiehed kien imur jilghab fil-*live casino* u jiddeciedu li jieqaf jilghab hemm u minflok jibda jilghab bis-*slots.* Dana peress li l-bilanc kien jibqa` fil-*live casino* u ma jmurx fil-kont tieghu. Meta Giri kien infurmat b` din il-problema, huwa kien qal li ma tistax tissolva ; infatti qatt ma giet risolta. Kien hemm problema ohra li *players online* kienu jigu *locked out* waqt li jkunu qed jilghabu u dawn kienu jilmentaw maghha direttament. Giri kien ta lista ta` persuni li jkunu jistghu jikkomunikaw maghhom skont il-bzonn u l-problema, izda dawn qatt ma kienu jinstabu u ghalhekk kien ikollha taghmel kuntatt dirett mal-*providers.* Aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar is-sistema dehret li ma kinitx ta` *standard.* Kien hemm ukoll nuqqas ta` qbil fis-sistema tal-*accounts* mal-*backoffice.*

**Leslie Reece Tipping**, direttur tas-socjeta` attrici, xehed illi Giri deher li kien persuna li kien kapaci jfornihom b` sistema ta` *software* li xtaqu. Qal li kien ha hsieb Mybet.com, izda dawn ir-referenzi baqghu qatt ma waslu. Wara li kien iffirmat il-kuntratt, irrizulta li Giri ma kienx jifhem wisq fil-*hardware* li kien gie ordnat wara konsultazzjoni mieghu stess. Spjega li kellha tigi nkarigata l-ICT sabiex tkun tista` tigi kkonfigurata l-*hardware.* Spjega li fil-bidu Giri kien qal li ma kellux bzonn ghajnuna minn terzi ; fil-fatt irrizulta l-maqlub.

Qal illi x-xoghol li sar kien fuq *stage test server* li kien il-Germanja u meta f`Novembru nghataw access ghall-*back office* deher li din is-sistema kienet aktar ghal *sport betting* milli ghal *casino.* Van Engelen kien fassal fid-dettal l-*front end* tal-*casino* u *affiliate site* u kien hemm qbil li dawn riedu jsiru. Fi Frar 2012, huwa kienmistieden ghal *training* tal-*back office* izda deher li Calve ma kienet taf xejn dwar dan. Bdiet taghti risposti kontradittorji u huwa rrealizza li s-sistema ma kinitx tiffunzjona. Kien deciz li Van Engelen kellu jipprova jaghti l-assistenza tieghu lis-socjeta intimata.

Ighid illi rrizulta li Essor kellha problema ta` likwidita`. Ghalihom dik kienet problema kbira peress li jekk il-kumpanija tfalli, kienu jitilfu l-programm. Huwa nduna b` diversi zbalji li kienu qed isiru minkejja li huwa ma kienx tekniku. Spjega li l-*audit* gie sodisfatt minhabba x-xoghol kollu li tpogga ghal dan il-ghan minn Farrugia u Van Engelen. Spjega li minkejja li s-sistema giet approvata mil-LGA, l-istess sistema ma kinitx funzjonanti. Qal li Van Engelen kien qed jaghmel sforzi kbar u spicca holoq s-sistema huwa stess.

Stqarr illi Giri kien ingannahom. Meta Giri kien rinfaccjat bil-hazin tieghu, waqaf jirrispondi l-emails. U ghal kwalunkwe kjarifikazzjoni mitluba, kien jibghat *invoice.*

Fil-**kontroezami** xehed illi ma jiftakarx meta s-socjeta` attrici giet iffurmata. Huwa dejjem hadem fl-industrija tal-*gaming.* Spjega li huwa kien direttur ta` diversi *gaming companies* u li bhala direttur, l-inkariku tieghu jkun : *search engine marketing, sourcing players, making contacts with affiliates, talking to casino managers, providers, game providers, general contacts in the gaming industry* u *back office suppliers.* Kien Farrugia li laqqghu ma` Giri. Qal illi kienu ilhom madwar erba` snin involuti f`din l-industrija f` Malta izda ma kinux operaw l-istess *supplier* peress li kienu bieghu l-progett precedenti taghhom kif ukoll minhabba li l-progett attwali

kien differenti minn dak ta` qabel. Huwa qatt ma ghamel verifiki biex jikkonferma li s-*software* kien proprjeta` ta` Essor.

Stqarr illi t-tlett diretturi kienu responsabbli ghat-tehid ta` decizjonijiet. Ma jiftakarx min kien semmielu l-problema tal-*hardware* izda cert lil-hardware kien intghazel wara konsultazzjonijiet ma` Giri. Giri kellu jara li l-*hardware* jkun jaqbel mas-*software.* Huwa kien taht l-impressjoni li l-ftehim kien jinkludi l-installazzjoni ta` *hardware* minn Essor. Kienet decizjoni tas-socjeta` attrici li tinkariga lil ICT. HUwa spjega li kellu access ghat-*test server* li kellu ammont eccessiv ta` *test data.* Huwa spjega li l-pakkett ipprezentat minn Essor kien *standard package* izda dak li kien qed jintalab ma kienx *standard package.*

<u>**Leendert sive` Leon Van Engelen**</u> xehed li ilu seba` snin jahdem fil-qasam ta` l-*igaming.*. Qal li waqt li kellu esperjenza fil-qasam fl-Olanda, huwa kien iddecieda li jifforma kumpannija ma` Leslie Tipping u Anthony Farrugia bl-isem ta` L & L Europe Limited sabiex joperaw numru ta` *gaming skins* f` pajjizi differenti. Spjega li kellhom bzonn xi hadd biex jizviluppalhom il-*platform* u kien hawnhekk li ltaqghu ma` Rajiv Giri. Dan kien weghedhom diversi drabi li seta` jaqdihom bl-ahjar mod. Giri kien iddikjara li huwa seta` jaghmel kwalsiasi xoghol, bidliet fis-sistema u li seta` jaghmel dan bi prezzijiet baxxi hafna. Kien ipprometta li l-*extra costs* qatt ma kienu ser jaqbzu t-20% tal-prezz inizjali tas-*software.* Qalilhom li huwa kien ilu fil-qasam ghal numru ta` snin u li s-sistemi tieghu dejjem ghaddew mill-*audits* tal-LGA. Skont Giri, is-sistema li riedu setghet tkun lesta sa Dicembru 2011 u kienet ser tinkludi *total gaming frontend interface, affiliate program,* funzjonalita` ta` *email marketing, payment providers, user roles, player handling, financial reporting* u kwalsiasi *third party integrations* ma kinux ser jiehdu aktar minn saghtejn biex jitwettqu. Spjega li in vista ta` dawn il-weghdiet, id-diretturi tas-socjeta` attrici talbu lil Giri sabiex jghaddilhom it-termini kummercjali tal-ftehim.

Kompla jghid illi fid-29 ta` Lulju 2011, Giri ghaddielhom offerta kummercjali li kienet ghadha wahda inizjali u ma kinitx l-offerta li mbaghad sar ftehim dwarha. Spjega li saret laqgha ohra ma` Rajiv Giri fejn dan ghamel prezentazzjoni tas-servizzi tieghu. Hemm semma numru ta` kumpanniji rinomati li hadu s-servizz minghandu. Spjega li s-sistema tieghu kienet approvata mill-LGA. Meta gibdulu l-attenzjoni li l-*back office* tas-sistema li wriehom fil-prezentazzjoni kienet relatat ma` *sports book* , dan kien qal li dan seta` jinbidel facilment sabiex jakkomoda s-sistema li riedet is-socjeta` attrici. Giri nsista li s-sistema tieghu ma kellhiex bzonn ta` rizorsi

esterni u kienet *one stop shop*. Intlahaq ftehim mieghu u saret l-ordni ghall-*hardware* necessarju fl-ammont ta` €48,000. Il-gestjoni kellha tkun ta` Giri. Sostna li l-kuntratt gie ffirmat ma` Essor Systems Limited li deher ghaliha Giri. Ghas-socjeta` attrici deher Leslie Tipping. Mal-firma, sar pagament ta` €44,000, nofs l-ammont patwit.

Fisser illi qabel ma kien iffirmat il-kuntratt, is-socjeta` attrici rceviet fattura minghand Essor b`talba ghal hlas ta` *set-up fee,* meta dan kien ghadu ma sarx. Il-*hardware* kien wasal f` Settembru 2011. Spjega li dan inghata lil Giri sabiex ikun jista` jikkonfigura l-istess halli jigi konformi mas-*software*. Sostna li kien f` dan il-punt li s-socjeta` attrici ndunat li Giri ma kellux idea kif jikkonfigura l-*hardware*. Per konsegwenza, kellha tigi ngaggata ICT Solutions bil-prezz ta` €2,000 fix-xahar sabiex taghti support lil Giri, izda minkejja li ICT Solutions ghamlu sforzi kbar, Giri baqa` inadempjenti.

Kompla jghid illi f`Novembru 2011, huwa ghamel granet u ljieli shah jipprova jara kif jista` jsolvi l-problemi tas-sistema u pprezenta kopja ta` korrispondenza li turi kif kien qed jikkomunika dwar dan ma` Essor. Din kienet qed issibha bi tqila wisq sabiex tirrimedja ghall-problemi u kien qed jidher car li ma kinux familjari mal-qasam tal-*gaming*. Essor baghtet numru ta` fatturi li kienu qed jithallsu mis-socjeta` attrici bl-isperanza li xi darba din is-sistema tigi tahdem. F` Dicembru 2011, intbaghtet fattura ulterjuri ta` €6845 ghall-*customisation* tal-*gaming platform,* li wara giet imnaqqsa b` €900 peress li l-ftehim ma kienx jinkorpora l-ammont tal-bidu. Bdew jiguh dubji serji dwar il-fattibilita` tal-progett. Gara li l-ispejjez kienu telghu hafna iktar milli kien miftiehem u s-sistema kienet ghadha ma tahdimx.

Spjega fid-dettall kif xahar wara l-iehor baqghu jizdiedu l-ispejjez u l-fatturi da parti tas-socjeta` konvenuta, izda s-sistema baqghet ma tahdimx. F`Jannar 2012, is-socjeta` attrici osservat li kemm fil-*back office* u *front end* kien hemm zbalji u informazzjoni li ma kellhiex x` taqsam. Huma talbu tahrig fuq is-sistema u *basic* manual ; minflok Essor baghtet fattura ta` €7,000 ghall-stallazzjoni u approvazzjoni tal- *back office on stage*. Bi protesta u taht pressjoni, is-socjeta` attrici approvat *version 1.0* minkejja li ma kienux fehmu l-figuri u informazzjoni li kien hemm fil-*back office*. Sar il-hlas ghax serhu mohhom li ser jinghataw *training* u *manual* stante li Giri hekk kien weghdhom.

Qal illi matul Jannar 2012, Essor infurmathom li kienu mpenjati f` zewg fieri Londra. Matul dak ix-xahar, baqghu jsibu zbalji. Fl-ahhar ta`

Jannar 2012, is-socjeta` attrici rceviet *invoice* ta` €11,607.50 ghal xoghol li kien sar minn ICT u kienet ukoll tinkludi spejjez relatati mal-*manual.* Infurmaw lil Giri u lil Calve li ma kinux disposti li jhallsu qabel ma` jinghataw il-*manual* u t-*training.* Meta ghamel il-verifiki dwar x`kien mehtieg ghall-*compliance,* irrizulta li kien hemm 16-il punt ta` inkompatibilita`. Kellu javza b`dan lis-socjeta` attrici. Essor installat *production* li jfisser li dan kien *life environment.* Spjega li dan ifisser illi l-informazzjoni li kien fuq is-*server* ta` *live production* ma setax jitnehha skont ir-regolamenti tal-LGA. Kompla jispjega li fi Frar 2012, saret diskussjoni fejn kulhadd qabel li mhux dak kollu li kien hemm inkluz fl-ahhar *invoice* kien gustifikat. L-*invoice* giet ridotta ghal €8877.50c u din thallset bi protesta peress li Essor wissiet li jekk ma tithallasx ma kinitx ser tkompli bis-servizzi taghha.

Qal illi fis-6 ta` Frar 2012, marru ghal *training* izda wara kwarta, huwa rrealizza li Calve ma kinitx taf x`qed tghid. Spiccaw marru lura d-dar. Spjega li kien ghalhekk li ghamlu lista ta` affarijiet li ma kinux qed jiffunzjonaw liema lista originarjament kienet ta` 100 *item* izda imbaghad giet imnaqqsa biex is-socjeta` konvenuta ssib soluzzjoni tal-problemi. Spjega li l-*manual* li nghataw kien inadegwat ghax ma kellu l-ebda indikazzjoni kif ser jirrendu funzjonabbli s-sistema. Fi Frar 2012, is-socjeta` intimata kienet qed taghmel *deploy* tas-sistema fuq il-*production server* u baghtet *invoice* ta` €7,000 li thallset. Fl-ahhar ta` Frar, baghtet fattura ohra ta` €15,731.25c ghal *software services.* Ghalihom din kienet inaccettabbli ghaliex kienu qed jintalbu biex ihallsu ghal sistema li ma tiffunzjonax u ghal zbalji li holqot Essor. Wara serje ta` battibekki, accettaw li jhallsu €7,500 u Rajiv Giri kellu jigi Malta biex jiddiskuti l-problemi.

Fisser illi f` Marzu 2012, kienu nsistew li l-informazzjoni li ma kinitx relevanti titnehha mill-*production system.* Madanakollu, Essor nehhiet l-informazzjoni kollha meta dan kien kontra dak stipolat fil-LGA Regulations. Fl-istess xahar rega` sar *training* u ghal darb`ohra, sabu li Calve ma kenitx taf x`qed tghid u x`qed taghmel. Fil-21 ta` Marzu 2012, saret l-*audit.* Wara li kisbu l-licenza, baqghu jittestjaw is-sistema u bdew jinstabu aktar zbalji u *items* li ma jiffunzjonawx tajjeb. Spjega li hu personalment kien offra diversi drabi li jmur il-Germanja biex jghin lil Giri jimplimenta s-sistema izda dan irrifjuta. Giri kien gie Malta wara li kienu ghamluha cara li ma kinux ser jibqghu jhallsu fatturi aktar. F`April 2012, is-sistema bdiet tigi ttestjata minn 11-il gokatur u giet kompilata lista ta` zbalji. Essor spiccat talbet il-hlas ghat-tiswija ta` dawn l-izbalji li ghamlet hi stess. Spjega li kien hemm problema li persuna setghet tara id-dettalji sottomessi minn *players* ohra inkluzi l-*credit card numbers* . Dan kien inaccettabbli. Spjega li minkejja li

meta Giri gie Malta sar ftehim li mhux ser jithallsu aktar fatturi, xorta wahda ntbaghtet *invoice* ta` €1875 u din kienet thallset bi protesta. Huwa kompla jghid li kienu rcievew *monthly service fee* li ma kinitx accettabbli ghax is-sistema kienet ghadha mhix *live.* F`Mejju 2012, Essor rega` nehhiet *data* minn *production system* taghhom li kien inaccettabbli u li kienet qed tesponi lis-socjeta` attrici ghas-sospensjoni tal-licenza tagha.

Qal illi meta s-sistema bdiet topera wara t-12 ta` Mejju 2012, kienu nstabu varji zbalji. Spjega li kienet inbdiet sistema fejn huwa kellu jibghat *email* bil-problemi u zbalji lil *email* generiku u b` hekk ma kienx ikun jaf min irrisponda. Huwa kien ilmenta dwar dan izda baqa` ma jinghatax informazzjoni dwar min kien qed jirrispondi. F`Gunju 2012, sabu li s-*server* li kien qed jigi ppreparat fil-Germanja kien accessibbli ghall-pubbliku in generali minn *search engines* popolari bhal *google* u *yahoo.* Dik kienet xi haga inaccettabbli. Siehbu Leon sar jaf ukoll li fil-Germanja, kien hemm proceduri kriminali ghax Rajiv Giri ma kienx hallas il-klijenti filwaqt li f` Malta, kellu proceduri kriminali ohra kontra tieghu. Is-sistema baqghet mhux funzjonanti u Essor baqghet tibghat il-fatturi. Intant Giri u Calve nfurmaw lis-socjeta` attrici li kienu sejrin gimghatejn btala u b` hekk kienu ser ihallu lis-socjeta` attrici b` sistema li ma toperax. F`Lulju 2012, Essor baghtet ittra fejn qalet li kienu sejrin izidu r-rata mensili minn €5,500 ghal €6,500 minhabba li kienu zdiedu r-rikjesti tas-socjeta` attrici, minkejja li dawn ir-rikjesti kienu sempliciment talbiet sabiex Essor taghmel is-sistema tahdem.

Stqarr illi f`Awissu 2012, id-diretturi tas-socjeta` attrici ddecidew li kienu stennew bizzejjed u tilfu kull tama li s-sistema xi darba tigi tahdem u ghalhekk iddecidew li s-sistema ma tibqax *online.* Kienet ghaddiet kwazi sena u ma kienx ghad fadal speranza li s-sistema tigi tahdem. Spjega li sa dakinhar is-socjeta` attrici kienet hallset €158,626.50 ghal sistema li ma kinitx tahdem kif suppost. Kompla jispjega kif apparti hekk kienu ghamlu b` iktar minn nofs miljun Ewro (€500,000) fi spejjez ancillari relatati ma` din l-istess sistema. Ipprezenta prospett fejn l-ammont ta` danni effettivament likwidati huwa ta` €14,435.45 kull xahar. Hemm ukoll indikati allegati danni ohrajn bl-ammont iddikjarat *an amount to calculate.* Sostna li Essor hija kumpannija falza peress li l-*website* hija dejjem *offline* u mhjiex topera.

**Il-konvenut Rajiv Giri** xehed li huwa direttur ta` Essor Systems Limited. Originarjament il-kumpannija kien jisimha Essor Trading Limited izda imbaghad kien inbidel l-isem. Qal illi ma hemm l-ebda relazzjoni legali bejnu, Julie Calve u s-socjeta` attrici. Ir-relazzjoni dejjem kienet bejn Essor

Systems u s-socjeta` attrici. L-*invoices* dejjem inhargu f`isem Essor Systems u l-hlasijiet saru fil-kont ta` l-istess kumpanija. Huwa sostna li kien avvicinat minn Keith Massa biex juri l-prodott tieghu lil diversi klijenti fosthom is-socjeta` attrici. Spjega li s-*software* pprezentat lis-socjeta` attrici kien wiehed konsistenti fi *remote gaming platform software* li kien principalment *back-office module.* Spjega li dan is-*software* kien zviluppat u huwa propjeta` ta` Essor. Il-prodott seta` jigi modifikat skont ix-xewqat tal-klijenti. Waqt il-prezentazzjoni, is-socjeta` attrici talbet xi bdil u huwa kien ikkonferma li dan seta` jsir. Solitament il-klijenti jzommu 80% ta` l-istandard *software* filwaqt li jkun hemm 20% *customization* izda f` dan ir-rigward kien hemm varji talbiet krejattivi. Id-dokument a fol 9 huwa l-ftehim mas-socjeta` attrici.

Huwa kompla jghid li biex is-sistema tkun approvata mil-LGA, is-sistema kellha tkun kompleta, inkluzi *back office system, payment mechanisms, customer accessible web interface* u *third party casino games integration.* Huwa spjega li waqt il-*customisation process,* huma kienu tkellmu ma` diversi *casino game providers* u *payment providers* filwaqt li s-socjeta` attrici kellha tidhol fi ftehim ma` l-istess sabiex ikun hemm *technical integration data* . Huwa spjega li l-problemi nholqu meta s-socjeta` attrici talbu li jkun hemm *seamless wallet experience* ghal *players* kif ukoll li jkun hemm bdil fir- *reporting function.* Huwa sostna li Portomaso Live Casino u Live Ent ma kinux joffru *seamless wallet experience* u s-socjeta` attrici insistiet li kellha tinstab soluzzjoni. Spjega li *seamless wallet experience* hija illi *player* jista` jpoggi flus f` casino partikolari u jekk jaghlaq il-loghba, il-bilanc imur awtomatikament fil-kont tieghu biex ikun jista` juzah f` casino iehor. Spjega li minghajr din is-sistema, jekk il-*player* kien jinsa li manwalment jibghat il-bilanc fil-kont tieghu, il-bilanc kien jibqa` gol-*casino* u ma jkunx jista` jigi utilizzat f` casino iehor.

Ikkonferma li s-socjeta` attrici kienet ikkuntattjat lil ICT Solutions biex jassistu fl-istallazzjoni tas-sistema fuq il-*hardware.* Spjega li skont il-kuntratt, Essor ma kinitx responsabbli ghal *hardware.* Huma kkoperaw ma` ICT izda ICT ma kellhomx bizzejjed *technical knowledge* fuq *Linux Operating System.* Spjega li kellhom jassistu lil ICT Solutions u anke inbidlu manwalment xi *settings* biex ikun assigurat li jkun hemm *interoperability* mas-sistema taghhom. Huwa insista li dak li qal Simon Vella li l-proposta ta` Essor ma kinitx bbazata fuq *best practice design from a security perspective* huwa skorrett. Spjega li s-sistema tieghu ma ghandhiex *security deficiencies.* Huwa kkonferma li kien hemm komunikazzjoni regolari bejn il-kontendenti kif ukoll cahad li l-emails ma kinux jigu mwiegba. Huwa spjega li kien sar xi *debugging exercise* u li meta nhareg l-*audit report*, kien hemm zewg *issues* li kellhom jigu rimedjati sabiex b`hekk setghet tigi mahruga il-licenzja. Huwa

qal illi s-socjeta` attrici kienet marret *live* bis-*software* li kien ipprovda izda minn Awissu 2012, gie skonnettjat l-access li kien hemm mas- *servers* taghhom u ghalhekk huwa ma jistax jghid jekk attwalment ghandhiex tintuza l-istess sistema. Spjega li s-socjeta` attrici ghadha trid thallas ghal *customizations, additional features* u *integration of payment providers* li gew rikjesti wara li saret il-konsenja ta` *version 1.0.*

## III. <u>Ir-rapport peritali</u>

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali ttratta l-ewwel ir-responsabbilita` personali tal-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve.

Wara li ccita l-Art 79, 80 u 136A tal-Kap 386, li kienu l-bazi tat-talba tas-socjeta` attrici, il-perit legali issottometta li dawn id-disposizzjonijiet ma jistghux ikunu ta` ghajnuna fir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni jekk il-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve ghandhomx igorru responsabbilita personali. Ghamel referenza wkoll ghall-Art 78 tal-Kap 386.

Imbaghad ghamel dawn l-osservazzjonijiet :-

*Illi fid-dawl tas-suespost, hija l-umli fehma li s-socjeta` attrici kienet ben konsapevoli li qeghda tikkuntratta mas-socjeta` b` responsabbilita` limitata. Huwa argument azzardat ferm li wiehed jipprova jargumenta li Essor Systems Limited kienet kumpanija inezistenti fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt u dana stante li n-numru tas-socjeta` kien kjarament indikat fuq il-kuntratt u jidher ukoll li hawnhekk kien si tratta minn bdil ta` isem li sar nhar qabel l-iffirmar tal-kuntratt izda li kein ghadu ma giex registrat mar-Registratur tal-Kumpaniji.*

*Illi madanakollu, anke kieku wiehed kellu ghall-grazzja ta` l-argument isostni li fil-mument tal-iffirmar Essor Systems Limited kienet inezistenti, ir-registrazzjoi tal-bdil tal-isem hekk kif tirrizulta mid-dokument a fol 28 irratifika pjenament is-sitwazzjoni u allura (dejjem kieku kien kaz ta` socjeta` li ghada mhux inkorporata fid-data ta` l-iffirmar) jiskatta s-subartikolu (3) tal-Artikolu 78 tal-Kap 386 li jxejjen id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u n-negzju jitqies li jkun sar mal-kumpanija u dan b` eskluzjoni tar-responsabbilitajiet personali kontemplati fis-subartikolu (1).*

*Illi huwa minnu li Rajiv Giri ffirma l-kuntratt bhala `Director` meta dan kien ghadu mhux direttur (di fatti gie appuntat direttur nhar l-1 ta` Frar*

*2012 – vide dokument a fol 43), pero` dan il-fatt ma jirrendikhx personalment responsabbli stante li din hija res inter alios acta bejnu u bejn id-direttur l-ohra Julie Calve u in ogni kaz dan l-istat ta` fatt jidher li gie ratifikat bir-rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta a fol 59 tal-process.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ihoss li l-eccezzjonijiet numerate 1.2, 1.3, 1.4 , 1.5 u 1.6 ghandhom ikunu akkolti, u b`hekk Rajiv Giri u Julie Calve fil-vesti personali taghhom ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

Dwar ir-rexxissjoni tal-ftehim a bazi ta` qerq, _il-perit legali josserva li s-socjeta` attrici iddikjarat li t-talba taghha hija msejsa fuq l-Art 974 u 981 tal-Kodici Civili. Iccita mill-gurisprudenza dwar dawn id-disposizzjonijiet u l-applikazzjoni taghhom. Fuq l-iskorta ta` dawn, ghamel dawn l-osservazzjonijiet :-

*… fil-kaz odjern filwaqt li s-socjeta` attrici tishaq illi hija giet ingannata biex tidhol fil-ftehim mas-socjeta` konvenuta, u senjatament il-ftehim mertu ta` din il-kawza, il-konvenuti jillimitaw ruhhom biex jeccepixxu li ma jezistux l-elementi necessarji sabiex il-kuntratt de qup jigi mhassar. Illi fil-fehma tal-esponenti, sabiex wiehed jiddetermina jekk is-socjeta` attrici irnexxiliex tipprova l-kaz taghha ghandu jigi mistharreg jekk fuq bilanc ta` probabilitajiet hijiex il-verzjoni moghtija fix-xhieda mressqa mis-socjeta` attrici li ghandha tipprevali jew inkella dik moghtija mill-konvenuti.*

*Illi huwa bil-wisq evidenti illi x-xhieda mressqa mis-socjeta` attrici hija wahda dettaljata u sorretta bi provi dokumentarji voluminizi. Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta illimitat ruhha sabiex tipprezenta biss ix-xhieda viva voce tal-konvenut Rajiv Giri.*

Il-perit legali jirreferi ghall-gurisprudenza taghna fejn gie sostnut illi aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` ta` qerq da parti ta` xi wiehed mill-kontendenti.

Il-konkluzjoni peritali kienet :-

*Illi fid-dawl ta` dan l-insenjament, l-esponenti huwa konvint li s-socjeta` attrici irnexxielha tipprova l-allegazzjoni taghha li hija giet indotta fl-iffirmar tal-kuntratt intitolat "Licensing Agreement for a Remote Gaming Platform Softward for Online Gaming Business" tal-5 ta` Settembru 2011 (a fol 10 et seq), sforz il-qerq u r-rapprezentazzjonijiet foloz adoperati minn Rajiv Giri ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Essor Systems Limited.*

*Illi l-esponenti huwa konvint illi hawn mhuwiex semplici kaz ta` inadempjenza kuntrattwali izda ta` veri u proprji raggiri li kkonducew lis-socjeta` attrici ghall-iffirmar tal-kuntratt de quo. Illi jidher car li r-rassigurazzjonijiet u r-rapprezentazzjonijiet li ghamel Rajiv Giri meta ipprezenta s-sistema tieghu lid-diretturi tas-socjeta` attrici inducew lis-socjeta` attrici li tiffirma l-kuntratt de quo meta imbaghad irrizulta bil-wisq evidenti li s-socjeta` attrici ma kellhiex il-kapacita vantata minnha stess li tipprovdi sistema funzjonanti tant illi tnax-il xahar wara din kienet ghadha mhux tiffunzjona kif suppost.*

*Illi ssir referenza ghal decizjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti (PA/PS) tal-31 ta` Jannar 2003, fl-ismijiet* ***George u Juliette Konjugi Attard v John Platts*** *li kienet titratta proprju minn talba ghal rexxissjoni ta` ftehim bejn il-kontendenti wara li l-atturi allegaw li l-konvenut kien qarraq bihom meta kien qeghdhom li huwa ben intiz u ghandu hafna esperjenza u kapacita` teknika fil-qasam tal-computers, u imbaghad irrizulta li dan ma kien minnu xejn: "Il-Qorti del reso hi moralment konvinta, illi c-cirkostanzi li fihom gie konkjuz il-ftehim kien mahsub mill-konvenut biex jiccirkonventa l-buona fede tal-attur u biex iqarraq bih."*

*Illi b` referenza ghall-kaz odjern, wiehed ma jridx jinsa li dan il-qasam (online gaming) huwa wiehed sensittiv immens mil-lat regolatorju u legali u d-diretturi tas-socjeta` attrici kienu ben intitolati li jiehdu d-decizjoni li eventwalment inehhu s-sistema minn fuq l-internet u dan ghaliex fid-dawl tal-problemi kollha li ghad kellha s-sistema sa kwazi sena wara, huma kienu qed jesponu ruhhom ghal responsabbilita kbira li kieku baqghu jippersistu b` din is-sistema online. Jirrizulta wkoll ampjament li s-socjeta` Essor Systems Limited kienet biss intenzjonati li taghsar lis-socjeta` attrici finanzjarjament u baqghet tippretendi hlasijiet esagerati u min-naha l-ohra tinjora r-rikjesti legittimi da parti tas-socjeta` attrici sabiex jigu rrangati il-problemi li kienu qed jimpedixxu is-sistema milli tkun funzjonanti kif suppost. Illi l-posizzjoni tas-socjeta` attrici hija anke sorretta minn xhieda indipendenti bhar-rapprezentanti ta` ICT Solutions u kif ukoll ta` Keith Massa li stqarr li jiddispjacih li kien introduca lil Rajiv Giri mas-socjeta` attrici.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ihoss illi l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jintlaqghu u per konsegwenza l-kuntratt jigi dikjarat li huwa null u bla effett u dan stante l-mala fede u frodi da parti tas-socjeta` konvenuta."*

Dwar it-talba ghar-rifuzjoni ta` flus imhallsa ai termini tal-kuntratt, il-perit legali rrileva li ladarba l-kuntratt de quo qed jigi dikjarat null u bla effett, huwa fatt konsegwenzjali li tintlaqa` t-talba tas-socjeta` attrici ghal

rifuzjoni tal-flus li hallset ai termini tal-istess kuntratt. Huwa ghamel referenza ghall-Art 1209 tal-Kodici Civili u qal :-

*Illi fix-xhieda tieghu, mhix kontradetta la bi provi kuntrarji u lanqas b` kontro-ezami, Leon Van Engelen xehed illi s-socjeta` attrici hallset lis-socjeta` konvenuta is-somma ta` EUR 158,626.50c. L-esponenti ihoss illi dan l-ammont ghandu jkun rifuz in toto lis-socjeta` attrici. Huwa minnu li jista` jkun li s-socjeta` konvenut ghamlet xi xoghol, pero` fl-ahhar mill-ahhar, is-socjeta` konvenut kellha tipprovdi sistema li tahdem u din baqghet qatt ma pprovdietha minkejja d-diversi opportunitajite koncessi mis-socjeta` attrici.*

Il-perit legali jirreferi ghas-sentenza moghtija tal-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet "**Marie Paul Wagner v International Translation Agency Ltd**" tat-30 ta` Ottubru 2009 fejn inghad li ladarba parti mix-xoghol kien ezegwit hazin, l-appaltatur lanqas jista` jippretendi l-hlas ta` dik il-parti tax-xoghol li tkun giet ezegwita sewwa.

Il-perit legali ssottometta li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata tirrifondi l-ammont shih li hija rceviet ai termini tal-kuntratt de quo, u cioe` €158,626.50c.

Dwar it-talba ghal hlas ta` danni, il-perit legali sostna li din timmerita li tigi akkolta ai termini ta` l-Art 1209(4) tal-Kap 16 bil-konfort ukoll tas-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/MCH**) tal-14 ta` Lulju 2015 fil-kawza "**Ian Busuttil et vs Carmen Taliana**"

L-osservazzjonijiet tal-perit legali dwar il-quantum kienu dawn :-

*Illi fil-kaz odjern, il-prova dwar id-danni sofferti saret permezz tal-affidavit ta` Leon van Engelen u senjatament permezz tal-prospett u tad-dokumentazzjoni allegata mal-istess prospett. Illi l-prospett immarkat bhala Dok LL01 jaghti s-segwenti breakdown tad-danni sofferti (ghal kull xahar) :*

*1) Gaming tax per month = EUR 1,908.33 (EUR 1,200 per month + EUR 8,500 per year)*
*2) Staff per month = EUR 2,123.28*
*3) BMIT per month =EUR 2,127.54*
*4) ICT Solutions per month = EUR 2,593.64*
*5) Rent + other office costs per month – EUR 1,300.00*

*6) Depreciation of office hardware, investments like Live Casino, Netent software and other costs, loss of interest per month = an amount to calculate*

*7) Lease hardware per month = ER 1,200*

*8) Accounting and finance per month = EUR 3,052.66*

*9) Payment providers and bank costs per month = EUR 130.00*

*10) Operational and other costs per month = an amount to calculate*

*11) Income losses per month = an amount to calculate*

*12) Extra costs because of no delivery = an amount to calculate*

*13) Damages = an amount to calculate*

*14) Costs through other companies owned by the same directors = an amount to calculate.*

*Total example monthly damages from set and not calculated costs = EUR 14,435.45.*

*Illi kif jidher minn dan il-prospett, hemm numru ta` kategoriji ta` danni fejn ma giex attribwit ammont izda inkiteb "an amount to calculate". Dwar dan, ix-xhud Leon van Engelen jispjega li "As the management of L & L Europe Ltd is very busy with the current operations, we can compile a specific claim once any form of damages would be granted." Dwar dan issir referenza ghal decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta` Gunju 2015 (PA/LSO) fl-ismijiet* ***John Grech v. Ivan Mifsud et*** *fejn intqal: "illi l-attur fil-prospett tieghu Dok JG (fol 448) isemmi spejjez ohra mhux kwantifiakti…Dawn l-ispejjez spiccaw li ma gew qatt ikkwantifikati u ghalhekk il-Qorti mhix f` pozizzjoni li tillikwidahom lanqas fuq bazi arbitrio boni viri billi l-attur seta` gab provi taghhom u kienet nuqqas tieghu li ma ghamilx hekk."*

*Ghaldaqstant fil-fehma tal-esponenti, kien jispetta lis-socjeta` attrici li tindika l-valuri mitluba u taghti prova tal-istess u ghalhekk il-likwidazzjoni tad-danni ser tkun limitata ghad-danni kif likwidati u ppruvati mis-socjeta` attrici u senjatament EUR 14,435 X 11-il xahar (****Settembru 2011*** *meta gie ffirmat il-kuntratt sa* ***Awissu 2012*** *meta twaqqfu s-servizzi ta` Essor) =* ***<u>EUR 158,785.</u>****"*

Il-perit legali ssottometta illi ghandhom jintlaqghu l-eccezzjonijiet numru 1.2, 1.3, 1.4. 1.5 u 1.6 ta` l-intimati u kwindi l-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li ghandhom jigu michuda l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u tilqa` t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Fil-konkluzjoni tieghu, il-perit legali ssottometta illi l-Qorti ghandha :-

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt tal-5 ta` Settembru 2011 intitolat Licensing Agreement for a Remote Gaming Platform Software for Online Gaming Business ghandu jigi meqjus rexxiss a finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan stante l-qerq u l-malafede operata mis-socjeta` konvenuta.*

*2) Tordna lis-socjeta` konvenuta Essor Systems Limited tirrifondi l-ammonti ta` EUR 158,626.50 bl-interessi legali mid-data tal-20 ta` Settembru 2012 (id-data ta` meta giet intavolata l-kawza odjerna) sa-data tal-effettiv pagament.*

*3) Ttillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici kagun tal-qerq u l-malafede tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` EUR 158,785 u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas ukoll dan l-ammont hekk likwidat u dan bl-interessi legali mid-data tas-sentenza.*

*Bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta` konvenuta.*

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

### 1. <u>Il-posizzjoni tal-konvenuti Giri u Calve</u>

Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tqis l-eccezzjonijiet preliminari li tressqu dwar l-allegata responsabbilita` o meno tal-konvenuti Giri u Calve.

### a) <u>L-azzjoni skont l-Art 974 u 981 tal-Kap 16</u>

Din hija kawza fejn saret talba ghar-rexxissjoni ta` appalt ffirmat bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, stante li skont is-socjeta` attrici garrbet ingann da parti tar-rapprezentanti ta` s-socjeta` konvenuta.

Azzjoni ta` nullita` jew ta` rexxissjoni ta` kuntratt tista` tigi promossa minn kontraent kontra kontraent iehor. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali (**<u>PC</u>**) fit-13 ta` Ottubru 2006 fil-kawza "**<u>Josephine Camilleri vs Eliza Bugeja et</u>**" kien imfisser illi :-

*Dwar l-azzjoni ta` nullita` jew rexissjoni, insibu fil-liġi tagħna illi :*

*"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda millkondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa`, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni." (art. 1212 kap. 16).*

*Din l-azzjoni ġiet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti : l`azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell`assunta obbligazione ottenendo l`annullamento, o rescissione che dir si voglia . E` un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta . E differisce da ogni altro mezzo, con cui s`impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo." (Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246).*

*Sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet :*

*"Affinche l`azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni : (a) che l`obbligazione sia invalida ; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene ; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."*

*Huwa mal-ewwel evidenti għalhekk mit-tieni kundizzjoni meħtieġa f`kawża ta` nullita`, illi din tista` tiġi perċepita biss minn xi ħadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi . "L`azione di nullita` o rescissione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, che si obbligo` invalidamente o fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregudicevoli dell`assunta obbligazione ottenendone l`annulamneto, o rescissione che dir si voglia . ... Quel solo contraente che stipulo` senza capacita` sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza, o dolo, puo` fare pronunciare la nullita`.*

Fis-sentenza appena citata, il-Qorti cahdet it-talbiet attrici peress li kien deciz illi l-azzjoni ezercitata mill-attrici ma kinitx legalment proponibbli minhabba li hija ma kinitx partecipi fil-kuntratt de quo u li tieghu kien qed jintalab il-korrezzjoni u eventwali rexissjoni in parte. F`dak il-kaz, ma kenitx tqajjmet eccezzjoni f`dan is-sens, u l-argument tar-*res inter alios acta* l-inqas gie msemmi fil-kors tal-kawza, izda dik il-Qorti tant hasset li dan kien

principju ta` importanza, li qajmet il-punt hija stess bil-konsegwenza li cahdet it-talbiet attrici.

Fil-kaz odjern, il-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve ma kinux parti mill-ftehim li qed jigi attakkat.

Ghalhekk fir-rigward taghhom, ighodd il-principju *res inter alios acta* bil-konsegwenza li l-istanza mhijiex opponibbli fil-konfront taghhom, ladarba l-kawzali hija allegat vizzju tal-kunsens skont l-Art 974 u 981 tal-Kap 16.

**b) <u>Rizultanzi fil-konfront ta` Rajiv Giri</u>**

Minn qari tar-rikors guramentat, kif ukoll mill-provi prodotti, kien allegat illi Rajiv Giri ghandu jinzamm responsabbli ghal dak lamentat ilmentat mis-socjeta` attrici ghax kien hu li ttratta mas-socjeta` attrici u qarraq biha. Madanakollu huwa evidenti li meta beda jigi trattat in-negozju, Rajiv Giri dejjem ghamilha cara li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta` intimata u mhux ghalih personali. Sar l-argument illi Rajiv Giri ma kellu l-ebda awtorita` jirrapprezenta lis-socjeta` konvenuta. Madanakollu, irrizulta minn rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta esebita a fol 53 tal-process illi kien fil-fatt biex jiffirma l-ftehim mertu ta` din il-kawza ghan-nom tas-socjeta` konvenuta.

**c) <u>Rizultanzi fil-konfront ta` Julie Calve</u>**

Is-socjeta` attrici harrket ukoll lil Julie Calve personalment billi ghamlet l-argument illi meta kien iffirmat il-ftehim, is-socjeta` konvenuta kienet ghadha mhix registrata. Inghad ukoll illi Julie Calve hija responsabbli bhala direttur ghal attivitajiet li saru mill-kumpannija specjalment meta jsir kuntratt qabel ma jigi registrat bdil ta` isem ta` kumpanija u minn persuna li ma kellha l-ebda kariga li tidher bhala direttur.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali.

Irrizulta li fil-gurnata tal-kuntratt, ossija fil-5 ta` Settembru 2011, is-socjeta` konvenuta kienet ghadha registrata bl-isem ta` Essor Trading

Limited u kien biss b`rizoluzzjoni tat-22 ta` Awissu 2011 (fol 28) liema rizoluzzjoni giet notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji fil-15 ta` Settembru 2011 li l-isem inbidel ghal ghal Essor Systems Limited. Madanakollu, kif tajjeb sostna l-perit legali, ai termini ta` l-Art 78(3) tal-Kap 386, is-socjeta` attrici kienet ben konsapevoli li kienet qed tikkuntratta ma` socjeta` b`responsabbilita` limitata, tant li tnizzel il-*company number.* F`dan il-kaz, li kien hemm biss *a change of name* qabel il-firma tal-kuntratt, bdil li ma kienx ghadu registrat mar-Registratur tal-Kumpanniji.

**Il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni, it-tielet, ir-raba`, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet ta` Rajiv Giri Julie Calve**.

**2. Il-posizzjoni tal-konvenuta Essor Systems Limited**

**a) Vizzju tal-kunsens**

Is-socjeta` attrici tibbaza t-talba taghha fuq il-premessa illi l-kuntratt sar b mala fede u bi frodi da parti tal-konvenuti jew min minnhom u tirreferi ghall-Art 974 u 981 tal-Kap 16. Bil-konvenuti Giri u Calve barra mix-xena in linea mal-premess, jifdal ghall-Qorti illi tqis il-posizzjoni ta` Essor Systems Limited.

Kif inghad fis-sentenza "**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" deciza fl-10 ta` Marzu 1997 (Kollez. Vol. LXXXI.iii.44), "*il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexxissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita.*"

Illi ghalhekk il-kunsens tal-persuna li tassumi l-obbligazzjoni huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta` l-istess obbligazzjoni.

Skont l-**Art 974 tal-Kap 16** :

*"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa."*

Skont l-**<u>Art 981(1) tal-Kap 16</u>** :

*"L-eghmil doluz huwa motiv ta` nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta."*

Kif spjegat mill-Qorti ta` l-Appell Kummercjali fl-4 ta` Gunju 1910 fid-decizjoni li tat fil-kawza "**<u>G. Germani Mifsud et noe v. Chierico F. Bonnici</u>**" sabiex tirnexxi azzjoni dwar qerq, jehtieg li jigi ppruvat li jkun gie ezercitat eghmil ta` tali natura li jqarraq anke b`persuna li tkun hadet il-pariri taghha u mxiet b`certa kawtela :

*… e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele estate dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa `Leges vigilantibus prosunt` imperocche` se cosi non fosse, la stessa mala fede trarebbe profitto dalla facilita` di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall` obbligo di rispettare I patti che sarebbero I piu` legittimi … Se non e` stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall` onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se` stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita.*

Is-sentenza l-aktar maghrufa u citata dwar il-materja *sotto esame* hija dik li tat il-Qorti ta` l-Appell fit-3 ta` Dicembru 1919 fil-kawza "**<u>Galea v. Zammit</u>**" fejn kien traccjati l-principji kardinali tad-*dolo* fil-kuntest ta` kawza civili. Dawn huma :-

*(1) Il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche` e` principio di ordine pubblico; siffatto considerazjoni impone che nelle cause d` impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche` non si abbia ad annulare un` atto che dovrebbe rimanere in vigore ;*

*(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso ;*

*(3) A provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il*

*contratto impugnato e` stato l` effetto di raggiri usati dall` altra parte o da terzi.*

Sabiex kuntratt ikun vizzjat abbazi ta` qerq jehtieg mhux biss li jigi ppruvat il-qerq izda wkoll li dan kien determinanti fuq il-volonta` tal-parti li tkun qed tigi mqarrqa (*causam dans contractu*).

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Terese Galea v. Salvatore Bonnici**" riportata fil-Kollez. Vol, X pag 592 kien osservat li :

*"I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l` altra parte non avrebbe contratto."*

Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju (ara : "**Alice Cassar Torreggiani v. Albert R. Manche**" : Appell Civili : 17 ta` Marzu 1958).

Fil-kawza "**Mifsud noe v. Tanti**" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta` Frar 1965, kien ikkonfermat li biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni.

Skont is-sentenza "**N. Dimech v. Nobbli Markiz N. Zimmermann Barbaro et**" (Appell Kummercjali : 7 ta` Dicembru 1935 : Kollez Vol XXIX.ii.832) mhux kwalunkwe ngann ta` kontraent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi bhala motiv ghall-annullabilita` ta` kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta` dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-dolo jinduci ghall-izball u dana jrid ikun invincibbli.

Inoltre trid issir il-prova ta` l-ezistenza ta` element specifiku kostitwit mill-ingann uzat. Fis-sentenza "**Giovanni Farrugia Gay v. Emanuele Farrugia Gay**" deciza fit-3 ta` Mejju 1921, dan il-principju kien ikkonfermat

*A costiture I raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acqistato ed esercitato da una persona sull` altra per indurla al contratto, ma occorse*

*un` elmento specifico costituito dale false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolanti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell` altro contraente.*

Barra minn hekk skont l-Art 981(2) tal-Kap 16, id-*dolo* jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi ppruvat minn min jaghmel l-allegazzjoni.

Fil-kawzi "**Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti**" deciza fl-4 ta` Frar 1965, "**Josephine mart Francis Galea v. Perit Walter Caruana Montaldo**" deciza fis-16 ta` Dicembru 1970 u "**Barbara vs Schembri**" deciza fis-16 ta` Gunju 1955 kien sottolineat illi trid issir il-prova li parti wahda *xjentement* uzat raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi.

Fid-decizjoni li tat fl-4 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et**" din il-Qorti (**PA/TM**) sostniet li l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f` kaz bhal dan ix-xilja ta` qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fis-sentenza saret referenza ghal kawza fl-ismijiet "**Piscopo vs Filletti**" li kienet deciza fis-16 ta` Gunju 2003 fejn inghad li :-

*Naturalment kif jghid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla"; Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta` kontraent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghaddolo rikjest mil-ligi;.....Ma jistax jigi allegat frodi meta l-fatti kienu facilment accertabbli; ikun tassew facli kieku kellu jigi acettat illi bl-iskuza ta` l-allegata mala fede da parti ta` wiehed mill-kontraenti, l-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz.*

Illi inoltre fis-sentenza "**Sciberras vs Zimmermann Barbaro**" (Appell Kummercjali - 13 ta` Frar 1946 – Kollez Vol XXXIIC.ii.223) saru s-segwenti konsiderazzjonijiet :-

*Illi, kif josserva l-Baudrey, l-annullabilita` ta` kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa` fih il-kontraent li jaghmel l-istanza ta` l-annullament minhabba l-ghemil doluz ta` l-iehor ; imma b`din*

*id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se` indipendentement millghemil doluz, hemm bzonn li jaqa` fuq is-sustanza talhaga, invece l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa` fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Dto.Civ. Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem `...... il dolo e` sufficiente anche quando l`errore che dal medesimo risulta non e` sostanziale". "Illi kif josserva l-Laurent (loc.cit.para 524) `ogni vizio del consensio e` individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l`influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull`animo di lui...`.L-istess ighid il-Planiol "Dol civil et dol criminal" no. 37, pag.571, u l-Baudrey, loc.cit.para.103, bil-kliem:- `Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla`.*

Ir-ricerka ta` jekk l-ghemil doluz kienx determinanti kif, ghall-finijiet ta` din l-azzjoni, hemm bzonn li jkun hija kwistjoni ta` fatt lit rid titqies fic-cirkostanzipartikolari ta` kull kaz. Id-distinzjoni antika bejn ghemil doluz *causam dans contractu* u ghemil doluz *incidens in contractum* hija ormai skartata in vista ta` dak li tghid il-ligi.

Ir-**<u>Ricci</u>** fil-kumment tieghu dwar id-disposizzjoni fil-Kodici Civili Taljan li hija identika ghad-disposizzjoni tal-Kodici Civili taghna, u allura rilevanti hafna, ighid :-

*Perche` il dolo produca la nullita` del contratto deve esere tale che senza di esso non avrebbe avuto luogo il contratto. Questo criterio, adottato dal nostro legislatore ha bandito dal diritto patrio le sottili distinzioni che la scuola faceva tra dolo positivo e negativo, tra dolo principale e incidente. Al giudice chiamato ad applicare l`articolo 1115 poco deve interessare se il dolo siasi posto in essere con atti positivio negativi, se esso abbia avuto luogo prima di iniziare le trattative del contratto durante il corso delle medesime, o se l`inganno sia caduto su cio` che e` principale, ovvero su quello che e` accessorio; una sola indagine esso e` chiamato a fare, e questa consiste nel vedere se, ove dolo non vi fosse stato, la parte ingannata avrebbe oppur no conchiuso il contratto …*

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**<u>George Portelli et v. Ivan John Felice</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :

*Illi l-ligi tghid li l-kunsens moghti bi żball jew mehud bi vjolenza jew b`ghamil doluż ma jkunx jiswa.*

*Kuntratt maghmul minn xi parti b`kunsens hekk moghti ma jkunx jiswa lanqas, ghaliex il-kunsens huwa wiehed mill-erba` htigiet ewlenin ta` kull kuntratt li jiswa.*

*… Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f`kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu meżżi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (c) b`mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali meżżi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, pag. 272).*

*Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghamil li jmur lil hinn minn ftahir eżagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwestjoni (P.A. 4.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud noe vs Tanti (Kollez. Vol: XLIX.ii.722).*

*Fil-każ tal-qerq, ghall-kuntrarju ta` dak li jigri fil-vjolenza (bhala kawża ta` nullita` tal-kunsens), is-sehem ta` terza persuna ma jkunx biżżejjed biex ixejjen is-siwi ta` kuntratt fejn il-kunsens ta` persuna jkun gie mehud b`qerq. Dan il-principju wkoll johrog mil-ligi.*

*Illi peress li l-ghamil doluż ma jistax ikun preżunt, fejn jigi allegat li l-kunsens ta` xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta` fatt bhal dan jaqa` fuq min iqanqal allegazzjoni bhal din ( P.A. 16.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet Barbara vs Schembri (Kollez. Vol: XXXIX.ii.699).*

*Fil-każ preżenti, dan il-piż jaqa` fuq l-imharrek rikonvenjent; Illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabiliti bla xkiel jew diffikulta` żejda mill-parti li tallega lqerq, ghaliex f`każ bhal dan ix-xilja ta` qerq ma tkunx ghajr skuża facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq (P.A. TM 4.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet P.L. Joseph Żammit noe et vs Joseph Fenech et).*

*Fuq kollox, ghall-kuntrarju ta` dak li huwa mehtieg meta jigi allegat l-iżball, fil-każ tal-qerq l-effett tal-ghamil doluż ma hemmx bżonn li jaqa` fuq is-sustanza tal-oggett tan-negozju li jkun (P.A. RCP 27.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Vella et vs Nażżareno Farrugia et).*

Ta` l-istess portata kienet id-decizjoni li tat din il-Qorti (**PA/TM**) fl-20 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul**" fejn inghad :

*L-azzjoni attrici hi bazata fuq l-artikolu 1212 tal-Kodici Civili li tiddisponi li, "Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa`, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggettt ghar-rexxissjoni". L-artikolu 966(b) tal-istess Kodici Civili jghid li l-kunsens ta` dak illi jobbliga ruhu huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, u dan ilkunsens jigi newtralizzat f`kaz li jkun vizjat b`qerq.*

*L-artikolu 981 tal-Kodici Civili jiddisponi, fil-fatt, li*

*"L-eghmil doluz huwa motiv ta` nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta".*

*Is-subartikolu (2) ta` dan l-artikolu jiddisponi, imbaghad, li l-eghmil dolus ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat. L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprudenza u fid-duttrina.*

*Biex ikun hemm id-dolo jridu jikonkorru erba` elementi, li huma (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bill-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra.*

*Dwar l-ewwel element, jehtieg li l-frodi jigi dejjem pruvat, u frodi "in re ipsa", li kien accettat fid-dritt Ruman, m`ghadux aktar parti mis-sistema taghna. Il-frodi tista` tigi pruvata bi kwalunkwe mezz li tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b`mod car u cert, u ma tistax tigi prezunta. It-tieni element irid li min ikun vittma ta` frodi juri li l-ingann uzat kien ta` certu gravita`. Il-ligi trid tipprotegi l-kunsens ta` dak li jkun, pero`, ma tridx lanqas tasal li thassar kuntratt b`rizultat ta` kredulita` zejda da parti tal-vittma (ara Giorgi, "Teoria Delle Obbligazzione", Vol. IV pagna 127). Certi suggerimenti, insistenzi u attenzjoni zejda da parti ta` dak li jkun irid jikkuntratta, ghalkemm mhux inkoraggjati, huma accettati, u wiehed ghandu joqghod hu attent li ma jaqax vittma ghal dawn it-tricks.*

*Il-gurista Ricci ("Istituzioni di Diritto Civile"), jghid li l-maneggi wzati "deve consistere in quelle arti, maneggi o manovre che escono fuori dalla cerchia delle astuzie solite ad usarsi da tutti i contraenti". Ir-ragiri wzati ghandhom ikunu ta` certa gravita u certi inazzetezzi ma jwasslux ghat-thassir tal-kuntratt (ara "Elaida vs FXB Ltd", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta` Dicembru, 1998). … Interessanti l-kawza fl-ismijiet "Cauchi vs Borg et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta` Gunju, 1992. Dik kienet kawza bil-fatti jixbhu ftit il-fatti ta` din il-kawza. Linkwilina ta` post*

*f`tas-Sliema, avvicinat lis-sid u qaltlu li jekk hu ma jaccettax li bieghla l-post bil-prezz ta` Lm2,500, hi kienet mhux biss ser idahhal lin-neputija toqghod maghha (bil-konsegwenza li din, wara l-mewt talinkwilina, tiret il-lokazzjoni), izda kienet se tfittxu biex jghamlilha certi tiswijiet fil-fond. Is-sid meta sema` dan, u fid-dawl tal-fatt li l-kera kienet ta Lm28 fis-sena biss, accetta li jittrasferilha l-fond bill-prezz li riedet. Wara sar jaf, mhux biss li n-neptuija ma kellhiex hsieb u ma riedetx tmur toqghod maz-zija, izda li l-inkwilina riedet tixtri l-post biex tbieghu bi qliegh, kif fil-fatt ghamlet tlett ijiem wara li kienet xtratu minghand is-sid. Is-sid talab li jirrexxindi lbejgh ghax qal li kien gie ingannat. L-Onorabbli Qorti talAppell, pero`, ma accettatx it-talba tieghu fuq l-argument li l-maneggi li uzat l-inkwilina ma kienux gravi bizzejjed, u s-sid kien naïve izzejjed meta accetta kull ma qaltlu linkwilina.*

Fl-istess sens fil-kawza "**Cassar Torregiani v. Manche**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kummercjali fis-17 ta` Marzu 1958 (Vol.XLIIA. i.126) inghad illi fil-kazi ta` din ix-xorta l-inganni jridu jkunu ta` natura li jistghu jaghmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeccedu l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju ; ghalhekk wiehed ma jistax, fil-konsiderazzjoni taghhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet ; u fil-valutazzjoni taghhom huwa mehtieg li wiehed jara c-cirkustanzi kollha li fihom gie konkjuz in-negozju. Mill-banda l-ohra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frodi, is-semplici tifhir tal-oggett u l-ezagerazzjoni tal-valur tieghu, wahedhom, ordinarjament mhumiex hlief is-solita xorta ta` inkoraggiment li fin-negozju huwa tollerat bhala "*dolus bonus*" biex dak li jkun jkompli jsahhah il-volonta` tal-parti l-ohra biex tikkonkludi l-ftehim. Izda l-Qorti kompliet li huwa veru li l-kumpratur seta` jaghmel l-indagnijiet opportuni biex jitkixxef jekk dak li jkun qallu l-venditur kienx minnu ; imma jekk ic-cirkustanzi huma tali li x-xerrej ma kellux ragunijiet biex jiddubita mill-assikurazzjonijiet tal-venditur, l-ingann jibqa` li kien il-kawza determinanti tal-kuntratt, u kwindi huwa motiv ta` annullament.

**b) <u>Risultanzi</u>**

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tinsab konvinta illi fil-kaz tal-lum is-socjeta` attrici garrbet qerq kostitwit minn raggiri u artifizi frawdolenti perpetrati mis-socjeta` konvenuta li nfluwenzaw il-kunsens taghha.

Mill-assjem tal-provi akkwiziti, jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet indotta li taccetta li tasal ghall-konkluzjoni tal-ftehim a fol 9, wara li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, kien ghamel car lir-rapprezentanti tas-

socjeta` attrici illi l-prodott li kien qed jigi offrut seta` jigi *customized* ghall-htigijiet specifici taghha hekk kif riedet is-socjeta` attrici. Irrizulta b`mod evidenti li s-socjeta` attrici ghamlitha cara sa mill-bidu nett li minhabba n-natura tal-prodott taghha riedet diversi emendi u bdil fis-sistema li kienet qeghda toffri s-socjeta` konvenuta, u ressqet ghall-ftehim wara li kienet debitament assikurata li l-bidliet setghu jigu introdotti fis-sistema facilment u bla diffikolta`.

Ghandu jinghad li fil-kaz partikolari tal-lum, sabiex persuna setghet taghmel il-verifiki necessarji halli tassikura ruhha li kambjamenti setghu jsiru facilment, kienet tehtieg gharfien tekniku u specjalizzat fil-qasam tal-*on line casinos*. Ghalhekk mhuwiex argument validu dak prospettat mis-socjeta` konvenuta illi s-socjeta` attrici setghet waslet biex tistabilixxi bla xkiel jew diffikulta` partikolari jekk dak li kien qed jigi mwieghed kienx tassew fattibbli inkella le. Stante t-teknicizmu li kien haga wahda fil-progett mill-bidu sal-ahhar, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-ftehim kien dwar *remote gaming platform software* li kienet ser tibqa` propjeta` tas-socjeta` konvenuta (ara clause 6.1 tal-ftehim a fol 17) kienet intrapriza kwazi mpossibbli li, qabel tiffirma, s-socjeta` attrici tqabbad tekniku biex jistharreg jekk dak li kienet qed jitwieghed kienx fattibbli. Fil-kontroezamijiet, saret enfazi fuq il-fatt li s-socjeta` attrici waslet ghal ftehim mas-socjeta` konvenuta b`mod affrettat u minghajr ma ghamlet verifiki dwar is-socjeta` konvenuta. Madanakollu, il-Qorti ma tarax li fil-kaz tal-lum, kienu jezistu mezzi ragonevolment facli u konvenjenti dwar kif setghu jikkonfermaw li l-kambjamenti setghu jsiru u li s-*software* propost seta` jigi utilizzat b`mod efficjenti u tajjeb ghas-sistema li riedet is-socjeta` attrici.

Huwa minnu li mix-xiehda ta` Jessica Dounis, jirrizulta li fl-okkazjoni tal-prezentazzjoni li kien ghamel Giri dwar is-servizzi offruti, din innotat illi Giri ma kienx intiz fuq id-dettalji tas-sistema, izda dan ma jfissirx li dak mistqarr minn din ix-xhud huwa prova sufficjenti li d-diretturi tas-socjeta` attrici kkonkludew b`ghajnejhom maghluqa. Ghandu jinghad li Tipping, Farrugia, u Van Engelen kellhom esperjenza fil-kamp ta` *gaming* izda ma kinux familjari ma` sistema relatata ma` *sports,* hekk kif kienet iddisinjat is-*software* illi pprezentat is-socjeta` konvenuta.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici ma kinux jafu t-*technical issues* involuti sabiex setghu jivverifikaw jekk is-*software* tas-socjeta` konvenuta setax jigi adattat b`mod u manjiera li mhux biss jahdem, izda jahdem ghall-ispecifikazzjonijiet, il-boznnijiet u n-negozju li riedet tigbed lejha s-socjeta` attrici. Li gara huwa li bil-prezentazzjoni li fornihom ir-rapprezentant tas-

socjeta` konvenuta ntimata flimkien mal-assigurazzjonijiet li nghataw illi minkejja li l-*back office* tas-sistema kienet relatata ma` *sports book*, din setghet facilment tigi mibdula ghas-sistema li riedet is-socjeta` attrici, is-socjeta` attrici ma thallitx taghmel decizjoni independenti u libera. Kif inghad fis-sentenzi fuq citati, hija l-fehma ta` din il-Qorti li ghalkemm il-ligi ma taghtix kenn lil min jibla kollox u zzejjed jistghu jezistu cirkostanzi fejn min ikun qed jinnegozja ma jkollux ghalfejn jiddubita dak li jkun qed jigi prezentat lilu bhala fatt, u l-fatt li jafda dak li jkun qed jghidlu n-negozjant l-iehor ma ghandux ikun ta` ostakolu sabiex tirnexxi azzjoni ta` dan it-tip, *multo magis* meta huwa principju kardinali fil-qasam tal-kuntratti illi dawn mhux biss ghandhom jigu esegwiti *in bona fede,* izda ghandhom jigu interpretrati fl-istess *bona fede* ; dan necessarjament jindika li ghandu jkun hemm affidament accettabbli bejn persuni li jkunu qed jaghmlu negozju. Kollox jiddependi mic-cirkostanzi u l-fattispecie tal-kaz.

Mill-provi rrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-assigurazzjonijiet li kienu saru mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta` l-*customization* meta setghux jigi ezegwiti tant li s-sistema baqghet ma tiffunzjonax b`mod li setghu jigu rispettati r-regoli stretta tal-Lotteries and Gaming Authority. Jinghad ukoll li huwa notevoli li minkejja l-problemi u lmenti li kienu qed iressqu b`mod kontinwu l-impjegati u rapprezentanti tas-socjeta` attrici dwar is-servizz hazin li kienu qed jinghataw, is-socjeta` konvenuta baqghet tinsisti dejjem ghal aktar hlasijiet. Anke din, ghal din il-Qorti, hija prova li rnexxielha taghmel is-socjeta` attrici tal-intenzjoni doluza tas-socjeta` konvenuta diretta biex taghmel hsara lis-socjeta` attrici bis-sottrazzjoni ta` flejjes ghall-holqien ta` sistema li qatt ma setghet tiffunzjona tajjeb ghall-htigijiet inkluz dawk regolatorji tas-socjeta` attrici.

Din il-Qorti ukoll issib komfort fil-konkluzjonijiet taghha dwar l-agir frawdolenti tas-socjeta` konvenuta mix-xiehda ndipendenti tar-rapprezentant ta` ICT Solutions u ta` Keith Massa. B` mod partikolari, ir-rapprezentant ta` ICT Solutions spjega l-problemi li gew riskontrati u l-fatt li s-socjeta` attrici spiccat kellha tinkariga lill-istess ICT Solutions biex tkompli tiehu hsieb il-progett bil-ghan li jigi ffacilitat ix-xoghol tas-socjeta` konvenuta. Din il-Qorti tghid ukoll illi mix-xiehda ta` Giri, li kien l-uniku xhud tal-konvenuti, dan ipprova jaghti dehra posittiva tal-kumpannija konvenuta ghal dak li jirrigwarda l-imgieba u l-operat taghha pero` naqas li jfisser fid-dettall x` tip ta` problemi gew riskontrati u r-raguni ghalfejn gew hekk riskonstrati. Fix-xiehda tieghu, baqa` jsostni li l-problemi li nholqu kienu minhabba li ntalbu varji emendi mis-socjeta` attrici, fattur li kien sa minn dejjem kien maghruf mis-socjeta` konvenuta; wehhel ukoll fl-allegata inkompetenza ta` ICT

Solutions. Madankollu Giri ma gab l-ebda prova li tikkorrabora l-verzjoni superficjali u inverosimili tieghu, bil-maqlub ghall-kwantita` u ghall-kwalita` ta` provi li ressqet is-socjeta` attrici, provi kollha dokumentati.

**In vista tal-premess, filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.**

**3. Rifuzjoni ta` ammonti mhallsa mis-socjeta` attrici**

Is-socjeta` attrici qeghda titlob ir-rifuzjoni tal-flus li hallset minhabba l-kuntratt.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali fis-sens li skont l-**Art 1209 tal-Kap 16** :-

*(1) Bir-rexxissjoni ta` kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort` ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.*

*(2) Kull parti ghandha trodd lill-ohra dak li tkun irceviet jew dahhlet b` effett jew bis-sahha tal-kuntratt.*

Ghar-rigward tas-*software* fornit mis-socjeta` konvenuta, irrizulta li dan is-*software* baqa` dejjem proprjeta` esklussiva tas-socjeta` konvenuta u li l-ftehim kien jirrigwarda l-ghoti ta` licenzja sabiex jintuza dan is-*software*. Irrizulta wkoll illi dan is-*software* ma ghadux jintuza mis-socjeta` attrici peress li kif irrizulta ppruvat ma kienx jiffunzjona tajjeb skond ir-regoli tal-LGA. Ghalhekk, da parti tas-socjeta` attrici, din ma ghandha xejn x` taghti lura lis-socjeta` konvenuta sabiex titqieghed fl-istat li kienet qabel il-ftehim. Mhux l-istess jinghad ghas-socjeta` attrici ghaliex sabiex tigi mqieghda fl-istat li kienet qabel il-ftehim, jinhtieg li jigu lilha rifuzi l-ammonti kollha li hallset lis-socjeta` konvenuta. Irrizulta mir-rendikont a fol 797 illi s-socjeta` attrici hallset is-segwenti ammonti lis-socjeta` konvenuta :

| | |
|---|---|
| €44,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 417; |
| € 6,167.50 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 420; |
| € 9,169 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 427; |
| €30,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 440; |
| € 5,945 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 446; |

| | |
|---|---|
| € 7,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 459; |
| € 8,877.50 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 462; |
| € 7,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 493; |
| € 7,500 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 496; |
| €18,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 515; |
| € 1,785 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 543; |
| € 3,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 547; |
| € 7,182.50 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 582; |
| € 3,000 | hekk kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 584; |

**TOTAL = €158,626.50**.

Dan huwa l-ammont li effettivament irrizulta li thallas lis-socjeta` konvenuta, liema ammont ma kienx ikkontestat mis-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti ma nghatatx kopja ta` l-ircevuti li nhargu fir-rigward tal-hlasijiet ta` dawn l-invoices, izda din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li f` *invoices* sussegwenti, ma kien qatt indikat li kien hemm xi ammont pendenti ghall-hlas jikkostitwixxi prova tajba bizzejjed li s-socjeta` attrici kienet hallset l-istess *invoices.* Inoltre, apparti x-xiehda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kkonferma li kienu jsiru hlasijiet direttament fil-kont bankarju tas-socjeta`. Huwa wkoll ovvju li kieku dawn l-*invoices* ma thallsux, is-socjeta` konvenuta kienet tieqaf mill-"prestazzjonijiet" taghha.

Tajjeb jinghad ukoll illi fir-rikors promotur, is-socjeta` attrici talbet il-hlas lura ta` €158,626.50c mhux ta` ammont *da liquidarsi.*

**Il-Qorti sejra tilqa` t-talba sabiex is-socjeta` konvenuta tirrifondi lis-socjeta` attrici l-ammont ta` €158,626.50 li hallsitha.**

Tibqa` l-kwistjoni ta` minn meta kellu jiddekorri l-imghax fuq dan l-ammont.

Jigi osservat illi fir-rikors promotur, ma saritx talba apozita ghal dekors ta` imghax, izda kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza "**Costantino Abela v. George Azzopardi**"

*Anki fl-att ta` citazzjoni fejn ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital mitlub jiddekorri l-imghax, il-Qorti xorta wahda tista` tikkundanna lill-konvenut ihallas il-kapital bl-imghax.*

F`din l-istess sentenza kompla jinghad illi :-

*Dana qed jinghad in vista ta` dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta` l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili.*

*Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk :*

*"1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

*(2) F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmienghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni."*

*Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ghat-tieni talba attrici ma hijiex wahda ta` natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni "l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure";*

*Inoltre, fil-fehma ta` dina l-Qorti, it-tieni talba attrici tammonta ghal "sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju";*

*A skans ta` ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l- Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta` l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b`att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital.*

*Infatti, filwaqt illi parti minn din ic-citazzjoni taqra hekk :*

*"Illi biex jghaddu l-imghaxijiet, jehtieg ukoll illi l-kreditur ikun sejjah lid-debitur biex ihallas dawk limghaxijiet permezz ta` talba gudizzjarja ghal daqshekk.";*

Ghall-iskop tad-dekors ta` l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora : *"una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore dieseguire la sua obbligazione"* (Kollez. Vol. XVI P I p 84).

Fis-sentenza tal-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Mallia v. Bezzina Wettinger**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk lobbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li lobbligazzjoni kellha tigi esegwita." F`kull kaz iehor, limghaxijiet ghandhom ighaddu minn da inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni. Issentenza ta` l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tassentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mill-fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta lammont kellu jigi mhallas lura, u dana f`kaz li lobbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk lobbligazzjoni ma kenetx ta` natura kummercjali, dan limghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data talpresentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti.*

Il-perit legali jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fit-13 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "**Carmelo sive Charles Zarb et v. George Xuereb**" li kienet tittratta talba ghar-rexxissjoni ta` kuntratt peress li l-kunsens ta` l-atturi kien vizzjat bi zball fis-sustanza. Il-Qorti ghaddiet sabiex iddecidiet li l-imghax legali fuq l-ammont li thallas fuq il-kuntratt li giet ordnata r-rexxissjoni tieghu, kellu jigi meqjus li beda jiddekorri mid-data tan-notifika lill-konvenut bl-att ta` citazzjoni in kwantu kien minn dakinhar li l-konvenut gie ufficjalment interpellat sabiex jersaq ghall-att ta` rexxissjoni.

**Determinati dawn il-punti ta` dritt, din il-Qorti tghid illi l-imghax jibda jiddekorri minn dakinhar li saret in-notifika tar-rikors promotur lis-socjeta` konvenuta, ossija fl-10 ta` Ottubru 2012.**

4. **Danni tas-socjeta` attrici**

Is-socjeta` attrici talbet ukoll il-hlas tad-danni li garrbet ghaz-zmien ta` meta kien iffirmat il-ftehim (ossija Settembru 2011) sa meta twaqqfu s-servizzi tas-socjeta` konvenuta (ossija Awissu 2012).

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat (**PA/RCP**) fis-27 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Joseph Vella et v. Nazzareno Farrugia et**" fejn kienet ordnat li fil-kaz fejn jinstab li l-ftehim kien karpit b`ghemil doluz, l-atturi ghandhom fl-ewwel lok jigu rifuzi l-ammonti li huma hallsu lill-konvenuti abbazi tal-istess ftehim, kif ukoll li :

*"…. ai termini tal-ligi l-konvenuti huma wkoll responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u dan jikkonsisti fit-telf li l-istess atturi soffrew fl-investiment taghhom u wkoll fit-telf ta` profitt li l-istess atturi soffrew minhabba li kellhom itemmu hesrem in-negozju taghhom."*

Fis-sentenza li tat fil-kawza "**Ian Busuttil et v. Carmen Taliana**" (op. cit.) kien spjegat li l-atturi f`dak il-kaz kienu qed jirreklamaw danni specifici naxxenti mill-azzjoni frawdolenti tal-konvenuta fil-konfront taghhom. Inghad li dawn id-danni mhumiex il-konsegwenza ta` nuqqas ta` adempiment ta` obbligazzjoni izda konsegwenza ta` fatt illecitu li gie kommess mill-konvenuta fil-konfront taghhom. Il-Qorti fissret illi : "*Skond l-artikolu 1209 f`kaz ta` rexissjoni ta` ftehim, il-partijiet ghandhom jergghu jitqeghdu filqaghda li kienu qabel ir-rexxisjoni. Dan l-artikolu ghandu jigi abbinat ukoll mal-artikolu 1045 li jipprovdi li d-dannu li ghandu jaghmel tajjeb ghalih min jikkaguna d-dannu hu t-telf attwali, l-ispejjez u telf ta` qliegh."*

Issir ukoll taghmel referenza ghall-**Art 1209(4) tal-Kap 16** invokat mill-perit legali taghha fejn hemm stipolat li :

*"Meta l-kuntratt jigi rexxiss minhabba eghmil doluz jew vjolenza, il-parti hatja ta` dak l-eghmil doluz jew ta` dik il-vjolenza ghandha trod lill-ohra wkoll il-frottijiet li setghu jigu migbura, u li, bi htija jew bi traskuragni taghha, ma gewx hekk migbura."*

Din il-Qorti taqbel li tenut kont tas-sitwazzjoni li tpoggiet fiha s-socjeta` attrici, hija intitolata ghar-risarciment tad-danni li garrbet.

Jinghad in parentesi illi s-socjeta` attrici artikolat id-danni kif gej riportat a fol. 229 tal-process:

1. *Gaming tax per month = EUR 1,908.33c (EUR 1,200 per month + EUR 8,500 per year).*
*2. Staff per month = EUR 2,123.28*
*3. BMIT per month – EUR 2,127.54*
*4. ICT Solutions per month = EUR 2,593.64c;*
*5. Rent + other office costs per month = EUR 1,300*
*6. Deprecization of office hardware, investments like Live Casino, netent software and other costs, loss of interest per month = an amount to calculate.*
*7. lease hardware per month = EUR 1,200*
*8. Accounting and Finance per month = EUR 3,052.66*
*9. Payment providers and bank costs per month =EUR 130.00*
*10. Operational and other costs per month = an amount to calculate*
*11. Income losses per month = an amount to calculate*
*12. Extra costs because of no delivery = an amount to calculate*
*13. Damages = an amount to calculate*
*14. Costs through other companies owned by the same directors = an amount to calculate*
***Total example monthly damages from set and not calculated costs = EUR 14,435.45c.***

Il-Qorti hadet konjizzjoni ta` dak konkluz mill-perit legali izda sejra taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

<u>**Dwar *item 1*,**</u>

l-unika prova li tressqet dwar dan il-hlas kienet dik a fol 230 fejn irrizulta minn *screenshot* tal-kont bankarju tas-socjeta` attrici li fit-30 ta` Gunju 2012 thallsu €1,200. Apparti li ma nghatat l-ebda spjegazzjoni dwar ir-raguni ghalfejn thallset din is-somma u jekk tali hlas sarx in konnessjoni mal-prodott mertu ta` din il-kawza, lanqas ma ngabet prova, kif setghet facilment tingieb, li verament din is-somma kienet qed tithallas kull xahar hekk kif allegat.

**In vista ta` dan in-nuqqas, din il-Qorti ma tarax li gie sodisfacentement ippruvat dan l-allegat kwantum ta` danni.**

**<u>Dwar *item 2*,</u>**
qed jintalab il-hlas tas-salarji mhallsa lil Jessica Dounis u lil Leendert sive Leon van Engelen.

Irrizulta mix-xiehda ta` Dounis li din giet impjegata xhur qabel ma sar il-ftehim mas-socjeta` konvenuta u ghalhekk jidher li din kienet diga` mpjegata tas-socjeta` attrici ferm qabel il-vertenza li tat lok lil din il-kawza.

Irrizulta wkoll illi Leon Van Engelen huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici, liema socjeta` kienet ukoll giet ikkostitwita qabel ma sar dan il-ftehim.

Minkejja li l-Qorti tifhem illi probabilment dawn iz-zewg persuni hadmu fuq dan il-progett mas-socjeta` konvenuta, il-Qorti ma gietx fornita bi prova sodisfacjenti li l-hlasijiet li qed jigu pretizi kienu relatati esklussivament max-xoghol tal-progett.

Ma ngabet l-ebda prova illi dawn iz-zewg persuni ma kinux fl-istess zmien li taw lok lil din il-vertenza, jaghmlu xoghol iehor a beneficcju tas-socjeta` attrici.

Is-salarju li thallas lil dawn iz-zewg persuni ghall-perijodu meta kienu ghaddejjin ix-xogholijiet mis-socjeta` konvenuta seta` kien jirrelata ma` xoghol iehor mhux necessarjament konness mas-servizzi moghtija mis-socjeta` konvenuta.

**Ghalhekk l-allegati danni riferiti a fol 231 u 232 lanqas ma gew sodisfacentement ippruvati.**

**<u>Dwar *item 3*,</u>**

is-socjeta` attrici esebiet invoice mahruga minn BMIT ammontanti ghal €2,127.54 liema *invoice* tirrigwarda *co-location and bandwidth services* u ggib id-data ta` Gunju 2012.

Ghal darba` ohra, din il-Qorti ma tarax li tressqet prova sodisfacenti dwar il-konnessjoni ta` din l-*invoice* mas-servizz moghti mis-socjeta` intimata.

Fuq l-*invoice* ma hemm imnizzel l-ebda informazzjoni dwar ghal liema skop kien qed jigi moghti dan is-servizz.

Lanqas ma gew ezebiti *invoices* ohra sabiex issir prova li dan il-hlas kien qed isir b` mod kontinwu ghal diversi xhur.

Is-socjeta` attrici setghet ressqet rapprezentant ta` din is-socjeta` biex jispjega s-servizzi li allegatament kienu qed jigu forniti u jikkonferma li dawn huma in fatti relatati ma` din il-vertenza.

**In vista ta` tali nuqqas, din il-Qorti mhix sodisfatta li tressqet prova dwar dawn l-*item.***

**Dwar *item 4,***

is-socjeta` attrici ezebiet dokument a fol 234 fejn hemm imnizzel ir-rata ta` hlas li kellu jsir ai termini tax-xoghol li kien ser jigi intrapriz.

Dan id-dokument huwa biss Appendix B filwaqt li ma hux ipprezentat Appendix A li fih jidher li kien hemm imnizzel il-*maintenance agreement* raggunt mas-socjeta` attrici.

Jidher ukoll mill-istess dokument a fol 234 illi hemm imnizzel li l-ewwel sitt xhur kien ser jinghata skont ta` 50%.

A fol 235, is-socjeta` attrici ezebiet invoice fl-ammont ta` EUR 2,593.64c (EUR 2,198 flimkien ma` EUR 395 VAT) li jkopru ix-xahar ta` Awissu 2012.

Ghal darb` ohra, ma gewx ipprezentati l-*invoices* tax-xhur l-ohra li allegatament thallsu, kif ukoll lanqas ma gie pprezentat il-*maintenance agreement* sabiex jigi vverifikat li dawn is-servizzi moghtija minn ICT Solutions kienu effettivament relatati ma` dan is-servizz moghti mis-socjeta` intimata.

Din il-Qorti ma tistax tkun konvinta bil-provi moghtija li verament dawn is-servizzi nghataw in konnessjoni esklussiva tas-*software* li kien qed jigi fornit mis-socjeta` intimata u lanqas ma hija konvinta dwar l-ammonti effettivament imhallsa.

**Lanqas dan l-item ma se jkun kkunsidrat.**

**Dwar *item 5,***

din il-Qorti ma tarax li gew ippruvati dawn l-allegati spejjez.

L-ircevuta ta` hlas ta` kera a fol 237 lanqas biss tirrigwarda l-perijodu li dwaru qed jigu reklamati d-danni, stante li dik l-ircevuta tikkoncerna x-xhur bejn Jannar 2013 sa Dicembru 2013.

Jigi ribadit ukoll li jekk inkera ufficcju ghall-kumpannija attrici, dan kien ghall-beneficcju ta` l-istess kumpannija attrici u anke li kieku ma sehhx dan il-ftehim, xorta wahda l-kumpannija kien ikollha bzonn ta` ufficcju.

L-istess jinghad ghall-allegat konsum ta` *internet* u dawl li wkoll gew reklamati li ghandhom jithallsu.

**Il-Qorti tqis ghalhekk li din it-talba hija ngustifikata.**

**<u>Dwar *item 6*</u>,**

ma tressqet l-ebda prova mis-socjeta attrici hlief li nkiteb *an amount to calculate.*

Il-Qorti hawn taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens illi kien jinkombi fuq l-attrici li tindika l-valuri mitluba u taghti prova ta` l-istess.

**Ladarba dan ma sarx, il-Qorti mhijiex ser tghaddi biex tillikwida ammonti in konnessjoni ma` dan l-*item.***

**<u>Dwar *item* 7</u>**,

il-Qorti ma tarax li gie ppruvat fiex jikkonsisti dan l-*item.*

Giet pprezentata invoice wahda a fol 242 u fiha ma hemmx imnizzel informazzjoni dwar l-allegat *lease agreement* li ssir referenza ghalih f` din l-*invoice.* Dan il-ftehim ta` kera lanqas ma gie pprezentat jew spjegat.

**Ghalhekk, ghal darb` ohra, din it-talba ghal dawn id-danni ma gietx sodisfacentement ippruvata.**

**<u>Dwar *item 8*</u>,**

il-Qorti tara li t-talba hija ngustifikata, peress li l-hlasijiet dovuti ghal *accounting* u *financing* tas-socjeta` attrici xorta wahda kellhom isiru.

<u>Dwar *item 9*</u>,

id-dokument ezebit a fol 9 jirrelata dwar perijodu li mhuwiex dak koncernanti l-ilment tas-socjeta` attrici.

In fatti, dan jirrigwarda l-perijodu bejn l-1 ta` Jannar 2013 u l-ahhar ta` Dicembru 2013.

**Ghalhekk, dan l-*item* lanqas ma huwa ser jigi kkunsidrat bhala pruvat.**

<u>Dwar *items 10 sa 14*</u>,

**terga` taghmel referenza ghal dak sottomess mill-perit legali taghha fis-sens li ladarba l-attrici ma resqet l-ebda prova ta` kwantifikazzjoni ta` dawn l-allegati danni, din il-Qorti mhijiex ser tghaddi biex tikkunsidra dawn l-*items*.**

Ghaldaqstant ma hemmx il-prova tad-danni sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet numerati 1.2, 1.3, 1.4, 1.5 u 1.6 tal-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta Essor Systems Limited (C49604).**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tas-socjeta` attrici.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba attrici, tiddikjara illi s-socjeta` attrici ghandha dritt ghar-rifuzjoni tal-ammont ta` mija tmienja u hamsin elf sitt mija u sitta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€158,626.50) li hallset lis-socjeta` konvenuta bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-10 ta` Ottubru 2012 (data tan-notifika tar-rikors guramentat) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba attrici, tiddikjara li s-socjeta` attrici m`ghandhiex tithallas danni, billi ma ressqitx il-prova tad-danni li garrbet sal-grad rikjest mil-ligi.**

**Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez ta` din il-kawza, hlief ghal dawk tal-konvenuti Rajiv Giri u Julie Calve li ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**